Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 29 ta' Mejju 2024
(OR. en)

10093/24
PV CONS 24
ECOFIN 595

# ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji)

14 ta' Mejju 2024

1. **Adozzjoni tal-aġenda**

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 9431/24.

2. **Approvazzjoni tal-punti "A"**

a) **Lista mhux leġiżlattiva** 9509/24

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni. Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

b) **Lista leġiżlattiva** (deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) 9510/24

Ġustizzja u Affarijiet Interni

1. **Regolament Eurodac** ❶C 9020/24 + ADD 1 REV 1 PE-CONS 15/24 ASILE

*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-8 ta' Mejju 2024

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bil-Polonja u l-Ungerija jivvotaw kontra u Malta, ir-Repubblika Ċeka u s-Slovakkja jastjenu (bażi legali: l-Artikolu 78(2), il-punti (c), (d), (e) u (g), l-Artikolu 79(2), il-punt (c), l-Artikolu 87(2), il-punt (a), u l-Artikolu 88(2), il-punt (a) TFUE). F'konformità mal-Protokolli rilevanti annessi mat-Trattati, id-Danimarka u l-Irlanda ma ħadux sehem fil-votazzjoni. Id-dikjarazzjonijiet dwar dan il-punt jinsabu fl-Anness.

| | | |
|---|---|---|
| **2.** | **Regolament dwar il-proċeduri tal-ażil**<br>*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*<br>approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-8 ta' Mejju 2024 | 9024/24<br>+ ADD 1 REV 1<br>PE-CONS 16/24<br>ASILE |

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bil-Polonja u l-Ungerija jivvotaw kontra u Malta, ir-Repubblika Ċeka u s-Slovakkja jastjenu (bażi legali: l-Artikolu 78(2), il-punt (d) TFUE). F'konformità mal-Protokolli rilevanti annessi mat-Trattati, id-Danimarka u l-Irlanda ma ħadux sehem fil-votazzjoni. Id-dikjarazzjonijiet dwar dan il-punt jinsabu fl-Anness.

| | | |
|---|---|---|
| **3.** | **Regolament li jistabbilixxi l-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera**<br>*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*<br>approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-8 ta' Mejju 2024 | 9025/24<br>+ ADD 1 REV 1<br>PE-CONS 17/24<br>JAI |

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bil-Polonja u l-Ungerija jivvotaw kontra u r-Repubblika Ċeka u s-Slovakkja jastjenu (bażi legali: l-Artikoli 77 (2) u 79(2)(c) TFUE). F'konformità mal-Protokolli rilevanti annessi mat-Trattati, id-Danimarka u l-Irlanda ma ħadux sehem fil-votazzjoni. Id-dikjarazzjonijiet dwar dan il-punt jinsabu fl-Anness.

| | | |
|---|---|---|
| **4.** | **Regolament li jistabbilixxi Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni**<br>*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*<br>approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-8 ta' Mejju 2024 | 9027/24<br>+ ADD 1 REV 1<br>PE-CONS 18/24<br>ASILE |

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bil-Polonja u l-Ungerija jivvotaw kontra u r-Repubblika Ċeka u s-Slovakkja jastjenu (bażi legali: l-Artikolu 78(2), il-punti (d) u (g) TFUE). F'konformità mal-Protokolli rilevanti annessi mat-Trattati, id-Danimarka u l-Irlanda ma ħadux sehem fil-votazzjoni. Id-dikjarazzjonijiet dwar dan il-punt jinsabu fl-Anness.

**5.** **Regolament dwar sitwazzjonijiet ta' kriżi fil-qasam tal-migrazzjoni u tal-ażil** ❶C 9028/24 + ADD 1 REV 1 PE-CONS 19/24 JAI
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-8 ta' Mejju 2024

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bl-Awstrija il-Polonja, is-Slovakkja u l-Ungerija jivvotaw kontra u r-Repubblika Ċeka tastjeni (bażi legali: l-Artikolu 78(2), (d) u (e) TFUE). F'konformità mal-Protokolli rilevanti annessi mat-Trattati, id-Danimarka u l-Irlanda ma ħadux sehem fil-votazzjoni. Id-dikjarazzjonijiet dwar dan il-punt jinsabu fl-Anness.

**6.** **Regolament dwar l-iskrinjar fil-fruntieri** ❶C 9029/24 + ADD 1 REV 1 PE-CONS 20/24 FRONT
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-8 ta' Mejju 2024

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bil-Polonja u l-Ungerija jivvotaw kontra u r-Repubblika Ċeka u s-Slovakkja jastjenu (bażi legali: l-Artikolu 77(2), il-punti (b) u (d) TFUE). F'konformità mal-Protokolli rilevanti annessi mat-Trattati, id-Danimarka u l-Irlanda ma ħadux sehem fil-votazzjoni. Id-dikjarazzjonijiet dwar dan il-punt jinsabu fl-Anness.

**7.** **Regolament dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni** ❶C 9030/24 + ADD 1 REV 1 PE-CONS 21/24 ASILE
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-8 ta' Mejju 2024

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bil-Polonja, is-Slovakkja u l-Ungerija jivvotaw kontra u l-Awstrija, Malta u r-Repubblika Ċeka jastjenu (bażi legali: l-Artikolu 78(2), il-punt (e), u l-Artikolu 79(2), il-punti (a), (b) u (c) TFUE). F'konformità mal-Protokolli rilevanti annessi mat-Trattati, id-Danimarka u l-Irlanda ma ħadux sehem fil-votazzjoni. Id-dikjarazzjonijiet dwar dan il-punt jinsabu fl-Anness.

**8.** **Regolament dwar emendi ta' koerenza fl-iskrinjar fil-fruntieri** ❶C 9031/24 + ADD 1 REV 1 PE-CONS 22/24 FRONT
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-8 ta' Mejju 2024

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bil-Polonja u l-Ungerija jivvotaw kontra u r-Repubblika Ċeka u s-Slovakkja jastjenu (bażi legali: l-Artikolu 78(2)(e), l-Artikolu 79(2)(c), l-Artikolu 82(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (d), u l-Artikolu 87(2)(a) TFUE). F'konformità mal-Protokolli rilevanti annessi mat-Trattati, id-Danimarka u l-Irlanda ma ħadux sehem fil-votazzjoni. Id-dikjarazzjonijiet dwar dan il-punt jinsabu fl-Anness.

**9.** **Direttiva dwar il-kundizzjonijiet tal-akkoljenza** ❶C 9021/24 + ADD 1 REV 1 PE-CONS 69/23 ASILE
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-8 ta' Mejju 2024

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bl-Awstrija, il-Polonja u l-Ungerija jivvotaw kontra u r-Repubblika Ċeka u s-Slovakkja jastjenu (bażi legali: l-Artikolu 78(2)(f) TFUE). F'konformità mal-Protokolli rilevanti annessi mat-Trattati, id-Danimarka u l-Irlanda ma ħadux sehem fil-votazzjoni. Id-dikjarazzjonijiet dwar dan il-punt jinsabu fl-Anness.

**10.** **Regolament dwar Standards għall-Kwalifika għall-Ażil** ❶C 9022/24 + ADD 1 REV 1 PE-CONS 70/23 ASILE
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-8 ta' Mejju 2024

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bil-Polonja u l-Ungerija jivvotaw kontra u l-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka u s-Slovakkja jastjenu (bażi legali: l-Artikolu 78(2), il-punti (a) u (b), u l-Artikolu 79(2), il-punt (a) TFUE). F'konformità mal-Protokolli rilevanti annessi mat-Trattati, id-Danimarka u l-Irlanda ma ħadux sehem fil-votazzjoni. Id-dikjarazzjonijiet dwar dan il-punt jinsabu fl-Anness.

**Deliberazzjonijiet leġiżlattivi**
**(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 3. | **Direttiva dwar ħelsien aktar rapidu u aktar sikur mit-taxxi eċċessivi f'ras il-għajn (FASTER)**<br>*Approċċ ġenerali* | S C | 9786/24<br>9787/24 |

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar l-abbozz ta' Direttiva kif jinsab fid-dokument 9925/24. Il-proċedura li tikkonċerna deċiżjoni tal-Kunsill li jiġi kkonsultat mill-ġdid il-Parlament Ewropew ser titnieda mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill malajr kemm jista' jkun.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 4. | **Il-pakkett "Il-VAT fl-Era Diġitali"** | S C | 9680/24 |
| | (a) **Direttiva fir-rigward tar-regoli tal-VAT għall-era diġitali**<br>*Approċċ ġenerali* | | 9681/24 |
| | (b) **Regolament fir-rigward tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni amministrattiva tal-VAT meħtieġa għall-era diġitali**<br>**(Bażi legali: Artikolu 113 TUE)**<br>*Qbil politiku* | | 9683/24 |

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet bil-ħsieb li jintlaħaq approċċ ġenerali dwar l-abbozz ta' Direttiva fir-rigward tar-regoli tal-VAT għall-era diġitali u qbil politiku dwar ir-Regolament fir-rigward tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni amministrattiva tal-VAT meħtieġa għall-era diġitali.

| | | |
|---|---|---|
| 5. | **Affarijiet oħra**<br>**Proposti leġiżlattivi attwali dwar is-servizzi finanzjarji**<br>*Informazzjoni mill-Presidenza* | 8151/24 |

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar il-ħidma li għaddejja fuq proposti leġiżlattivi dwar is-servizzi finanzjarji.

## <u>Attivitajiet mhux leġiżlattivi</u>

**6. Il-pakkett "Il-VAT fl-Era Diġitali": Regolament ta' Implimentazzjoni fir-rigward tar-rekwiżiti ta' informazzjoni għal ċerti skemi tal-VAT (Bażi legali: id-Direttiva 2006/112/KE)** 🄿🄲 9684/24
*Qbil politiku*

<u>Il-Kunsill</u> kellu skambju ta' fehmiet f'sessjoni pubblika bil-ħsieb li jilħaq qbil politiku dwar l-abbozz ta' Regolament ta' Implimentazzjoni fir-rigward tar-rekwiżiti ta' informazzjoni għal ċerti skemi tal-VAT.

7. Irkupru ekonomiku fl-Ewropa
   a) Implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza
      *Sitwazzjoni attwali*
   b) Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill skont il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (Bażi legali: l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241) 🄲 9303/24 + ADD 1; 9399/24 + ADD 1
      *Adozzjoni*

8. Konsegwenzi ekonomiċi u finanzjarji tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna
   *Skambju ta' fehmiet*

9. Konklużjonijiet dwar l-isfidi tas-sostenibbiltà fiskali li jirriżultaw mit-tixjiħ 9159/24
   *Approvazzjoni*

10. Segwitu għal-laqgħa tal-Ministri għall-Finanzi u l-Gvernaturi tal-Bank Ċentrali tal-G20 tas-17 u t-18 ta' April 2024 u tal-laqgħat tar-rebbiegħa tal-FMI 9373/24
    *Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni*

11. Konklużjonijiet dwar il-litteriżmu finanzjarju 9529/24
    *Approvazzjoni*

12. Affarijiet oħra
Koalizzjoni tal-Ministri għall-Finanzi għall-Klima 9594/24
*Informazzjoni mill-Presidenza u n-Netherlands*

---

S Proċedura leġislattiva speċjali

P Dibattitu pubbliku (Artikolu 8(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)

C Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

**Dikjarazzjonijiet għall-punti leġiżlattivi "A" li jinsabu fid-dokument 9510/24**

**Dwar il-punt "A" nru 1:** **Regolament Eurodac**
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

**DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA**

"Il-Bulgarija tirringrazzja lill-Presidenza Spanjola u dik Belġjana għall-ħidma intensiva matul in-negozjati mal-Parlament Ewropew li rriżultaw fil-finalizzazzjoni tar-riforma tal-ażil.

Nilqgħu b'sodisfazzjon il-ftehim politiku li ntlaħaq bejn il-koleġiżlaturi. Is-sistema l-ġdida tal-ażil ser tagħti rispons Ewropew komuni komprensiv u strutturat filwaqt li tiżgura bilanċ bejn is-solidarjetà u r-responsabbiltà. Peress li hija wieħed mill-Istati Membri l-aktar esposti b'mod permanenti għar-riskju ta' kriżi migratorja u b'impenji akbar biex tiggarantixxi l-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen, il-Bulgarija ser tiddependi, fi spirtu ta' solidarjetà, fuq responsabbiltà kondiviża ġusta u fuq l-appoġġ ipprovdut mill-fondi tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tar-regoli l-ġodda.

Fl-2018, il-Qorti Kostituzzjonali Bulgara adottat deċiżjoni li tgħid li l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika tippromwovi kunċetti legali relatati man-nozzjoni tal-ġeneru li mhumiex kompattibbli mal-prinċipji ewlenin minquxa fil-Kostituzzjoni Bulgara u biħsiebha tagħmel distinzjoni bejn "sess" bħala kategorija bijoloġika (nisa u rġiel) u "ġeneru" bħala kostrutt soċjali.

Għalhekk, il-Bulgarija hija grata għall-isforzi li saru biex jiġi indirizzat it-tħassib nazzjonali marbut mal-użu ta' termini relatati mal-ġeneru f'xi atti li jagħmlu parti mill-pakkett tal-ażil minħabba d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Bulgarija.

Il-Bulgarija ma topponix l-adozzjoni tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, iżda tixtieq tenfasizza li ser ninterpretaw it-terminoloġija relatata mal-ġeneru użata f'xi atti li jagħmlu parti mill-pakkett tal-ażil fit-tifsira ta' kategorija bijoloġika (nisa u rġiel)."

**DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA ĊEKA**

"Ir-Repubblika Ċeka tirrikonoxxi l-ħtieġa tar-riforma tar-regoli attwali li jirregolaw il-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-ażil. Diversi sfidi u b'mod partikolari l-iżviluppi minn wara l-kriżi tar-refuġjati tal-2015-2016 urew il-vulnerabbiltà tas-sistema tagħna, li ma għadhiex sostenibbli. Peress li soluzzjoni komuni fil-livell tal-UE biss tista' tipprovdi rispons adegwat għal kwistjonijiet li l-UE u l-Istati Membri jiffaċċjaw kemm flimkien kif ukoll individwalment, aħna għalhekk napprezzaw l-isforz biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ewlenin.

Matul in-negozjati tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, ir-Repubblika Ċeka segwiet b'mod partikolari l-objettivi ta' protezzjoni msaħħa tal-fruntieri esterni bil-ħsieb ta' żona Schengen aktar sikura kif ukoll bilanċ funzjonali bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà.

Ir-Repubblika Ċeka tilqa' b'mod speċifiku l-fatt li l-kompromess finali ma jistabbilixxix obbligu ta' rilokazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi minn Stati Membri oħra jew minn pajjiżi terzi. Fl-istess ħin u filwaqt li tapprezza titjib ieħor għas-sistema attwali, ir-Repubblika Ċeka tinnota li l-eżitu tan-negozjati interistituzzjonali ma laħaqx l-ambizzjoni tal-mandat tal-Kunsill u li l-effiċjenza ta' xi strumenti kienet ġiet kompromessa minn piż amministrattiv addizzjonali fuq l-Istati Membri, li ġġenera diffikultajiet prattiċi kif ukoll żieda fl-ispejjeż.

Fid-dawl ta' dan kollu u f'konformità mal-approċċ tal-pakkett, ir-Repubblika Ċeka ddeċidiet li tastjeni milli tivvota dwar l-istrumenti leġiżlattivi tal-Patt. Madankollu, ir-Repubblika Ċeka tapprezza l-ispirtu ta' għaqda tal-UE u tqis dan l-istadju importanti bħala opportunità ġdida biex titkompla, bi sforz imsaħħaħ, ir-riforma ulterjuri tal-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-ażil b'enfasi speċifika fuq id-dimensjoni esterna u l-ideat innovattivi f'dak il-qasam."

## DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"L-Ungerija tibqa' konvinta bis-sħiħ mill-ħtieġa li tiġi żviluppata Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil li jkollha l-għan li tindirizza l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni illegali, timminimizza u fl-aħħar mill-aħħar telimina l-inċentivi għall-migrazzjoni illegali u tiskoraġġixxi lill-persuni li jixtiequ jabbużaw mis-sistema tal-ażil milli jidħlu fl-Unjoni Ewropea, u tinkludi l-possibbiltà li l-applikazzjonijiet għall-ażil jiġu eżaminati f'pajjiżi terzi abbażi tal-prinċipju ta' ekstraterritorjalità. Biex inkunu nistgħu nilħqu dawn l-għanijiet jeħtieġ li, l-ewwel u qabel kollox, nirrikonoxxu li l-isfidi tal-migrazzjoni globali ma jistgħux jiġu solvuti fit-territorju tal-Ewropa, u għalhekk m'għandniex nimportaw problemi li ma jistgħux jissolvew, iżda nagħtu l-għajnuna fejn hija meħtieġa.

Biex tkun tista' tiġi żviluppata Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil effettiva, huwa essenzjali li jinstab bilanċ bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà, iżda nemmnu li dan il-bilanċ ma ntlaħaqx mill-atti leġiżlattivi proposti. Dan in-nuqqas ta' bilanċ huwa ppruvat b'mod ċar mill-fatt li l-Ungerija mhijiex Stat Membru l-aktar espost, madankollu, aħna Stat Membru bi fruntieri esterni sinifikanti, li jibqa' responsabbli għall-waqfien tal-pressjoni migratorja fuq l-Unjoni Ewropea. Minbarra din ir-responsabbiltà, ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil jobbliga lill-Ungerija tiżgura livell ħafna ogħla ta' kapaċità għat-twettiq ta' proċeduri fuq il-fruntiera minn Stati Membri oħra, li mhuwiex ġust u realistiku meta titqies il-pożizzjoni ġeografika tagħna.

L-Ungerija ilha mill-2015 tikkommetti ruħha għall-protezzjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea, mingħajr l-appoġġ tal-UE, f'konformità mal-obbligi tagħha skont l-acquis ta' Schengen. L-isforzi tagħna għandhom jiġu rikonoxxuti wkoll bħala forma ta' solidarjetà. Għall-kuntrarju ta' dan, il-qafas legali l-ġdid propost ma jqisx ir-riżorsi mill-baġits nazzjonali li jintefqu fuq il-protezzjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea bħala solidarjetà, iżda minflok jimponi obbligi addizzjonali kemm f'termini tal-għoti ta' solidarjetà lil Stati Membri oħra kif ukoll f'termini ta' responsabbiltà għall-waqfien tal-migrazzjoni illegali.

Biex iżżomm mal-pożizzjoni konsistenti tagħna, l-Ungerija ma tistax tappoġġa l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' solidarjetà bbażat fuq id-distribuzzjoni obbligatorja tal-migranti, u għalhekk ma taqbilx mal-introduzzjoni ta' kumpensi tar-responsabbiltà bħala element obbligatorju tal-qafas ta' solidarjetà. Id-deċiżjonijiet tal-Kunsill adottati fl-2015 diġà wrew li mekkaniżmu ta' solidarjetà bbażat fuq id-distribuzzjoni obbligatorja tal-migranti mhux ser itaffi l-piż fuq is-sistemi tal-ażil tagħna, għall-kuntrarju, iżid l-għadd ta' wasliet.

Barra minn hekk, l-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta t-terminu "ġeneru" bħala referenza għas-"sess" fl-atti legali rilevanti.

Fl-aħħar nett, u f'konformità mas-sejħa ripetuta tal-Kunsill Ewropew, l-Ungerija tibqa' soda dwar il-ħtieġa li jintlaħaq kunsens dwar politika effettiva dwar il-migrazzjoni u l-ażil mingħajr ma jinħolqu fatturi ġodda ta' attrazzjoni.

B'kont meħud tar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, l-Ungerija mhijiex f'pożizzjoni li tappoġġa l-adozzjoni tar-Regolament Eurodac, peress li huwa element inseparabbli ta' sistema fundamentalment difettuża."

### DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA

"1. Il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja japprezza l-isforzi tal-Kunsill tal-UE, tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea biex jintlaħaq kompromess dwar rispons komprensiv u responsabbli tal-Unjoni Ewropea biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-proċessi attwali tal-migrazzjoni. Fl-istess ħin, nenfasizzaw li l-Gvern ma kellux l-opportunità reali li jipparteċipa fin-negozjati dwar il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil.

2. Il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja jinnota l-possibbiltà li tittejjeb il-ġestjoni ta' xi wħud mill-aspetti tas-sistema tal-migrazzjoni u l-ażil. Madankollu, analiżi ulterjuri tal-atti legali fi ħdan il-Patt turi li dawn ma jindirizzawx biżżejjed is-sitwazzjoni speċifika tal-Istati Membri li għandhom fruntiera mal-Belarussja u r-Russja u minħabba dan il-fatt kienu taħt pressjoni kostanti u għolja li rriżultat minn rotot migratorji maħluqa artifiċjalment. F'dan il-kuntest, ta' min jinnota li l-Kunsill Ewropew ripetutament, inkluż fil-konklużjonijiet tiegħu mill-14 u l-15 ta' Diċembru 2023, saħaq fuq il-konsegwenzi negattivi tal-fenomenu tal-istrumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni u kkundanna l-użu strumentali tal-migranti minn pajjiżi terzi għal finijiet politiċi.

3. Il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja jieħu l-pożizzjoni li l-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil ma jiżgurax il-bilanċ it-tajjeb bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà u jista' potenzjalment jagħti lok għal tilwim futur bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri.

4. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja ddeċieda li jivvota kontra l-atti legali kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Patt."

**DIKJARAZZJONI MIS-SLOVAKKJA**

"Ir-Repubblika Slovakka tirrikonoxxi l-ħtieġa ta' riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil. Napprezzaw ħafna l-isforzi tal-Presidenzi parteċipanti kollha. Fl-istess ħin, aħna konxji li l-ilħuq tal-kompromess ma kienx kompitu faċli.

Madankollu, huwa essenzjali li ma nirtirawx mill-pożizzjonijiet li kellna u ddikjarajna għal żmien twil.

Napprezzaw li l-Patt jiffoka fuq is-soluzzjoni tal-kawżi tal-migrazzjoni fil-pajjiżi ta' oriġini, li jista' jgħin biex tittaffa l-pressjoni fuq il-fruntieri esterni tal-UE.

Aħna nemmnu li l-prijorità ta' politika Ewropea dwar il-migrazzjoni li tirnexxi għandha tkun il-protezzjoni konsistenti tal-fruntieri esterni tal-UE, kif ukoll politika dwar ir-ritorn effettiva.

Huwa mixtieq li jittieħdu l-miżuri kollha biex tiġi evitata l-migrazzjoni illegali u, fl-istess ħin, jiġu megħjuna dawk fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali.

Filwaqt li nirrikonoxxu li l-kunċett ta' kwoti ta' rilokazzjoni obbligatorji fil-biċċa l-kbira ġie abbandunat, m'aħniex konvinti li l-proposti ppreżentati jilħqu l-bilanċ it-tajjeb bejn is-solidarjetà u r-responsabbiltà.

Is-solidarjetà hija prinċipju importanti fil-ġestjoni tal-migrazzjoni, iżda nemmnu li l-għażla tal-formola għandha dejjem tkun kompletament f'idejn l-Istat Membru. Sfortunatament, il-proposti ma jissodisfawx dan ir-rekwiżit peress li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji huma obbligatorji jekk ċertu numru ta' persuni li jfittxu l-ażil ma jiġux rilokati. Fl-istess ħin, jekk jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, il-kumpens tar-responsabbiltà ta' Dublin isir obbligatorju wkoll. Dawn l-elementi jikkostitwixxu fatturi ta' attrazzjoni qawwija u jipprovdu inċentivi għall-migrazzjoni sekondarja.

Fid-dawl ta' dan kollu, ir-Repubblika Slovakka tivvota kontra l-proposti ppreżentati fil-qasam tas-solidarjetà - ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni (AMMR) kif ukoll ir-Regolament dwar sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' force majeure fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil.

Fid-dawl tan-natura interkonnessa tal-proposti kollha ppreżentati, aħna nastjenu milli nivvutaw fuq il-proposti l-oħra."

**Dwar il-punt "A" nru 2:** **Regolament dwar il-proċeduri tal-ażil**
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

**DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA**

"Il-Bulgarija tirringrazzja lill-Presidenza Spanjola u dik Belġjana għall-ħidma intensiva matul in-negozjati mal-Parlament Ewropew li rriżultaw fil-finalizzazzjoni tar-riforma tal-ażil.

Nilqgħu b'sodisfazzjon il-ftehim politiku li ntlaħaq bejn il-koleġiżlaturi. Is-sistema l-ġdida tal-ażil ser tagħti rispons Ewropew komuni komprensiv u strutturat filwaqt li tiżgura bilanċ bejn is-solidarjetà u r-responsabbiltà. Peress li hija wieħed mill-Istati Membri l-aktar esposti b'mod permanenti għar-riskju ta' kriżi migratorja u b'impenji akbar biex tiggarantixxi l-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen, il-Bulgarija ser tiddependi, fi spirtu ta' solidarjetà, fuq responsabbiltà kondiviża ġusta u fuq l-appoġġ ipprovdut mill-fondi tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tar-regoli l-ġodda.

Fl-2018, il-Qorti Kostituzzjonali Bulgara adottat deċiżjoni li tgħid li l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika tippromwovi kunċetti legali relatati man-nozzjoni tal-ġeneru li mhumiex kompattibbli mal-prinċipji ewlenin minquxa fil-Kostituzzjoni Bulgara u biħsiebha tagħmel distinzjoni bejn "sess" bħala kategorija bijoloġika (nisa u rġiel) u "ġeneru" bħala kostrutt soċjali.

Għalhekk, il-Bulgarija hija grata għall-isforzi li saru biex jiġi indirizzat it-tħassib nazzjonali marbut mal-użu ta' termini relatati mal-ġeneru f'xi atti li jagħmlu parti mill-pakkett tal-ażil minħabba d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Bulgarija.

Il-Bulgarija ma topponix l-adozzjoni tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, iżda tixtieq tenfasizza li ser ninterpretaw it-terminoloġija relatata mal-ġeneru użata f'xi atti li jagħmlu parti mill-pakkett tal-ażil fit-tifsira ta' kategorija bijoloġika (nisa u rġiel)."

## DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA ĊEKA

"Ir-Repubblika Ċeka tirrikonoxxi l-ħtieġa tar-riforma tar-regoli attwali li jirregolaw il-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-ażil. Diversi sfidi u b'mod partikolari l-iżviluppi minn wara l-kriżi tar-refuġjati tal-2015-2016 urew il-vulnerabbiltà tas-sistema tagħna, li ma għadhiex sostenibbli. Peress li soluzzjoni komuni fil-livell tal-UE biss tista' tipprovdi rispons adegwat għal kwistjonijiet li l-UE u l-Istati Membri jiffaċċjaw kemm flimkien kif ukoll individwalment, aħna għalhekk napprezzaw l-isforz biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ewlenin.

Matul in-negozjati tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, ir-Repubblika Ċeka segwiet b'mod partikolari l-objettivi ta' protezzjoni msaħħa tal-fruntieri esterni bil-ħsieb ta' żona Schengen aktar sikura kif ukoll bilanċ funzjonali bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà.

Ir-Repubblika Ċeka tilqa' b'mod speċifiku l-fatt li l-kompromess finali ma jistabbilixxix obbligu ta' rilokazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi minn Stati Membri oħra jew minn pajjiżi terzi. Fl-istess ħin u filwaqt li tapprezza titjib ieħor għas-sistema attwali, ir-Repubblika Ċeka tinnota li l-eżitu tan-negozjati interistituzzjonali ma laħaqx l-ambizzjoni tal-mandat tal-Kunsill u li l-effiċjenza ta' xi strumenti kienet ġiet kompromessa minn piż amministrattiv addizzjonali fuq l-Istati Membri, li ġġenera diffikultajiet prattiċi kif ukoll żieda fl-ispejjeż.

Fid-dawl ta' dan kollu u f'konformità mal-approċċ tal-pakkett, ir-Repubblika Ċeka ddeċidiet li tastjeni milli tivvota dwar l-istrumenti leġiżlattivi tal-Patt. Madankollu, ir-Repubblika Ċeka tapprezza l-ispirtu ta' għaqda tal-UE u tqis dan l-istadju importanti bħala opportunità ġdida biex titkompla, bi sforz imsaħħaħ, ir-riforma ulterjuri tal-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-ażil b'enfasi speċifika fuq id-dimensjoni esterna u l-ideat innovattivi f'dak il-qasam."

**DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA**

"L-Ungerija tibqa' konvinta bis-sħiħ mill-ħtieġa li tiġi żviluppata Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil li jkollha l-għan li tindirizza l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni illegali, timminimizza u fl-aħħar mill-aħħar telimina l-inċentivi għall-migrazzjoni illegali u tiskoraġġixxi lill-persuni li jixtiequ jabbużaw mis-sistema tal-ażil milli jidħlu fl-Unjoni Ewropea, u tinkludi l-possibbiltà li l-applikazzjonijiet għall-ażil jiġu eżaminati f'pajjiżi terzi abbażi tal-prinċipju ta' ekstraterritorjalità. Biex inkunu nistgħu nilħqu dawn l-għanijiet jeħtieġ li, l-ewwel u qabel kollox, nirrikonoxxu li l-isfidi tal-migrazzjoni globali ma jistgħux jiġu solvuti fit-territorju tal-Ewropa, u għalhekk m'għandniex nimportaw problemi li ma jistgħux jissolvew, iżda nagħtu l-għajnuna fejn hija meħtieġa.

Biex tkun tista' tiġi żviluppata Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil effettiva, huwa essenzjali li jinstab bilanċ bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà, iżda nemmnu li dan il-bilanċ ma ntlaħaqx mill-atti leġiżlattivi proposti. Dan in-nuqqas ta' bilanċ huwa ppruvat b'mod ċar mill-fatt li l-Ungerija mhijiex Stat Membru l-aktar espost, madankollu, aħna Stat Membru bi fruntieri esterni sinifikanti, li jibqa' responsabbli għall-waqfien tal-pressjoni migratorja fuq l-Unjoni Ewropea. Minbarra din ir-responsabbiltà, ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil jobbliga lill-Ungerija tiżgura livell ħafna ogħla ta' kapaċità għat-twettiq ta' proċeduri fuq il-fruntiera minn Stati Membri oħra, li mhuwiex ġust u realistiku meta titqies il-pożizzjoni ġeografika tagħna.

L-Ungerija ilha mill-2015 tikkommetti ruħha għall-protezzjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea, mingħajr l-appoġġ tal-UE, f'konformità mal-obbligi tagħha skont l-acquis ta' Schengen. L-isforzi tagħna għandhom jiġu rikonoxxuti wkoll bħala forma ta' solidarjetà. Għall-kuntrarju ta' dan, il-qafas legali l-ġdid propost ma jqisx ir-riżorsi mill-baġits nazzjonali li jintefqu fuq il-protezzjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea bħala solidarjetà, iżda minflok jimponi obbligi addizzjonali kemm f'termini tal-għoti ta' solidarjetà lil Stati Membri oħra kif ukoll f'termini ta' responsabbiltà għall-waqfien tal-migrazzjoni illegali.

Barra minn hekk, l-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta t-terminu "ġeneru" bħala referenza għas-"sess" fl-atti legali rilevanti.

Fl-aħħar nett, u f'konformità mas-sejħa ripetuta tal-Kunsill Ewropew, l-Ungerija tibqa' soda dwar il-ħtieġa li jintlaħaq kunsens dwar politika effettiva dwar il-migrazzjoni u l-ażil mingħajr ma jinħolqu fatturi ġodda ta' attrazzjoni.

B'kont meħud tar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, l-Ungerija mhijiex f'pożizzjoni li tappoġġa l-adozzjoni tar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil (APR), peress li huwa element inseparabbli ta' sistema fundamentalment difettuża."

**DIKJARAZZJONI MINN MALTA**

"Ir-riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil tibqa' ta' importanza ewlenija biex jiġi pprovdut il-bilanċ it-tajjeb bejn il-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà fost l-Istati Membri kollha u s-solidarjetà effettiva lejn dawk l-Istati Membri fil-bżonn.

F'dan ir-rigward, filwaqt li tirringrazzja lill-Presidenza Spanjola u dik Belġjana, u lill-Kummissjoni, għall-isforzi li saru matul in-negozjati mal-Parlament Ewropew, Malta hija tal-fehma li t-testi finali tar-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni u tar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil għadhom ma jipprovdux il-bilanċ meħtieġ.

Kif diġà ġie ddikjarat f'Ġunju 2023, Malta, bħala Stat Membru Gżira żgħir b'vulnerabbiltajiet partikolari, diġà qed tiffaċċa piż sinifikanti minħabba l-acquis attwali. L-elementi stipulati fir-riforma ser ikomplu jżidu r-responsabbiltajiet filwaqt li l-mekkaniżmu ta' solidarjetà, għalkemm permanenti u obbligatorju, jibqa' flessibbli u ma jipprovdix l-assigurazzjonijiet meħtieġa li l-ħtiġijiet identifikati ser jiġu ssodisfati bis-sħiħ.

Għalhekk, Malta qed tastjeni rigward ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni u rigward ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil."

**DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA**

"1. Il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja japprezza l-isforzi tal-Kunsill tal-UE, tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea biex jintlaħaq kompromess dwar rispons komprensiv u responsabbli tal-Unjoni Ewropea biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-proċessi attwali tal-migrazzjoni. Fl-istess ħin, nenfasizzaw li l-Gvern ma kellux l-opportunità reali li jipparteċipa fin-negozjati dwar il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil.

2. Il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja jinnota l-possibbiltà li tittejjeb il-ġestjoni ta' xi wħud mill-aspetti tas-sistema tal-migrazzjoni u l-ażil. Madankollu, analiżi ulterjuri tal-atti legali fi ħdan il-Patt turi li dawn ma jindirizzawx biżżejjed is-sitwazzjoni speċifika tal-Istati Membri li għandhom fruntiera mal-Belarussja u r-Russja u minħabba dan il-fatt kienu taħt pressjoni kostanti u għolja li rriżultat minn rotot migratorji maħluqa artifiċjalment. F'dan il-kuntest, ta' min jinnota li l-Kunsill Ewropew ripetutament, inkluż fil-konklużjonijiet tiegħu mill-14 u l-15 ta' Diċembru 2023, saħaq fuq il-konsegwenzi negattivi tal-fenomenu tal-istrumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni u kkundanna l-użu strumentali tal-migranti minn pajjiżi terzi għal finijiet politiċi.

3. Il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja jieħu l-pożizzjoni li l-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil ma jiżgurax il-bilanċ it-tajjeb bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà u jista' potenzjalment jagħti lok għal tilwim futur bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri.

4. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja ddeċieda li jivvota kontra l-atti legali kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Patt."

## DIKJARAZZJONI MIS-SLOVAKKJA

"Ir-Repubblika Slovakka tirrikonoxxi l-ħtieġa ta' riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil. Napprezzaw ħafna l-isforzi tal-Presidenzi parteċipanti kollha. Fl-istess ħin, aħna konxji li l-ilħuq tal-kompromess ma kienx kompitu faċli.

Madankollu, huwa essenzjali li ma nirtirawx mill-pożizzjonijiet li kellna u ddikjarajna għal żmien twil.

Napprezzaw li l-Patt jiffoka fuq is-soluzzjoni tal-kawżi tal-migrazzjoni fil-pajjiżi ta' oriġini, li jista' jgħin biex tittaffa l-pressjoni fuq il-fruntieri esterni tal-UE.

Aħna nemmnu li l-prijorità ta' politika Ewropea dwar il-migrazzjoni li tirnexxi għandha tkun il-protezzjoni konsistenti tal-fruntieri esterni tal-UE, kif ukoll politika dwar ir-ritorn effettiva.

Huwa mixtieq li jittieħdu l-miżuri kollha biex tiġi evitata l-migrazzjoni illegali u, fl-istess ħin, jiġu megħjuna dawk fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali.

Filwaqt li nirrikonoxxu li l-kunċett ta' kwoti ta' rilokazzjoni obbligatorji fil-biċċa l-kbira ġie abbandunat, m'aħniex konvinti li l-proposti ppreżentati jilħqu l-bilanċ it-tajjeb bejn is-solidarjetà u r-responsabbiltà.

Is-solidarjetà hija prinċipju importanti fil-ġestjoni tal-migrazzjoni, iżda nemmnu li l-għażla tal-formola għandha dejjem tkun kompletament f'idejn l-Istat Membru. Sfortunatament, il-proposti ma jissodisfawx dan ir-rekwiżit peress li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji huma obbligatorji jekk ċertu numru ta' persuni li jfittxu l-ażil ma jiġux rilokati. Fl-istess ħin, jekk jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, il-kumpens tar-responsabbiltà ta' Dublin isir obbligatorju wkoll. Dawn l-elementi jikkostitwixxu fatturi ta' attrazzjoni qawwija u jipprovdu inċentivi għall-migrazzjoni sekondarja.

Fid-dawl ta' dan kollu, ir-Repubblika Slovakka tivvota kontra l-proposti ppreżentati fil-qasam tas-solidarjetà - ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni (AMMR) kif ukoll ir-Regolament dwar sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' force majeure fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil.

Fid-dawl tan-natura interkonnessa tal-proposti kollha ppreżentati, aħna nastjenu milli nivvutaw fuq il-proposti l-oħra."

**Dwar il-punt "A" nru 3:** **Regolament li jistabbilixxi l-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera**
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

## DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA

"Il-Bulgarija tirringrazzja lill-Presidenza Spanjola u dik Belġjana għall-ħidma intensiva matul in-negozjati mal-Parlament Ewropew li rriżultaw fil-finalizzazzjoni tar-riforma tal-ażil.

Nilqgħu b'sodisfazzjon il-ftehim politiku li ntlaħaq bejn il-koleġiżlaturi. Is-sistema l-ġdida tal-ażil ser tagħti rispons Ewropew komuni komprensiv u strutturat filwaqt li tiżgura bilanċ bejn is-solidarjetà u r-responsabbiltà. Peress li hija wieħed mill-Istati Membri l-aktar esposti b'mod permanenti għar-riskju ta' kriżi migratorja u b'impenji akbar biex tiggarantixxi l-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen, il-Bulgarija ser tiddependi, fi spirtu ta' solidarjetà, fuq responsabbiltà kondiviża ġusta u fuq l-appoġġ ipprovdut mill-fondi tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tar-regoli l-ġodda.

Fl-2018, il-Qorti Kostituzzjonali Bulgara adottat deċiżjoni li tgħid li l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika tippromwovi kunċetti legali relatati man-nozzjoni tal-ġeneru li mhumiex kompattibbli mal-prinċipji ewlenin minquxa fil-Kostituzzjoni Bulgara u biħsiebha tagħmel distinzjoni bejn "sess" bħala kategorija bijoloġika (nisa u rġiel) u "ġeneru" bħala kostrutt soċjali.

Għalhekk, il-Bulgarija hija grata għall-isforzi li saru biex jiġi indirizzat it-tħassib nazzjonali marbut mal-użu ta' termini relatati mal-ġeneru f'xi atti li jagħmlu parti mill-pakkett tal-ażil minħabba d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Bulgarija.

Il-Bulgarija ma topponix l-adozzjoni tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, iżda tixtieq tenfasizza li ser ninterpretaw it-terminoloġija relatata mal-ġeneru użata f'xi atti li jagħmlu parti mill-pakkett tal-ażil fit-tifsira ta' kategorija bijoloġika (nisa u rġiel)."

**DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA ĊEKA**

"Ir-Repubblika Ċeka tirrikonoxxi l-ħtieġa tar-riforma tar-regoli attwali li jirregolaw il-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-ażil. Diversi sfidi u b'mod partikolari l-iżviluppi minn wara l-kriżi tar-refuġjati tal-2015-2016 urew il-vulnerabbiltà tas-sistema tagħna, li ma għadhiex sostenibbli. Peress li soluzzjoni komuni fil-livell tal-UE biss tista' tipprovdi rispons adegwat għal kwistjonijiet li l-UE u l-Istati Membri jiffaċċjaw kemm flimkien kif ukoll individwalment, aħna għalhekk napprezzaw l-isforz biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ewlenin.

Matul in-negozjati tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, ir-Repubblika Ċeka segwiet b'mod partikolari l-objettivi ta' protezzjoni msaħħa tal-fruntieri esterni bil-ħsieb ta' żona Schengen aktar sikura kif ukoll bilanċ funzjonali bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà.

Ir-Repubblika Ċeka tilqa' b'mod speċifiku l-fatt li l-kompromess finali ma jistabbilixxix obbligu ta' rilokazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi minn Stati Membri oħra jew minn pajjiżi terzi. Fl-istess ħin u filwaqt li tapprezza titjib ieħor għas-sistema attwali, ir-Repubblika Ċeka tinnota li l-eżitu tan-negozjati interistituzzjonali ma laħaqx l-ambizzjoni tal-mandat tal-Kunsill u li l-effiċjenza ta' xi strumenti kienet ġiet kompromessa minn piż amministrattiv addizzjonali fuq l-Istati Membri, li jġġenera diffikultajiet prattiċi kif ukoll żieda fl-ispejjeż.

Fid-dawl ta' dan kollu u f'konformità mal-approċċ tal-pakkett, ir-Repubblika Ċeka ddeċidiet li tastjeni milli tivvota dwar l-istrumenti leġiżlattivi tal-Patt. Madankollu, ir-Repubblika Ċeka tapprezza l-ispirtu ta' għaqda tal-UE u tqis dan l-istadju importanti bħala opportunità ġdida biex titkompla, bi sforz imsaħħaħ, ir-riforma ulterjuri tal-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-ażil b'enfasi speċifika fuq id-dimensjoni esterna u l-ideat innovattivi f'dak il-qasam."

## DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"L-Ungerija tibqa' konvinta bis-sħiħ mill-ħtieġa li tiġi żviluppata Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil li jkollha l-għan li tindirizza l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni illegali, timminimizza u fl-aħħar mill-aħħar telimina l-inċentivi għall-migrazzjoni illegali u tiskoraġġixxi lill-persuni li jixtiequ jabbużaw mis-sistema tal-ażil milli jidħlu fl-Unjoni Ewropea, u tinkludi l-possibbiltà li l-applikazzjonijiet għall-ażil jiġu eżaminati f'pajjiżi terzi abbażi tal-prinċipju ta' ekstraterritorjalità. Biex inkunu nistgħu nilħqu dawn l-għanijiet jeħtieġ li, l-ewwel u qabel kollox, nirrikonoxxu li l-isfidi tal-migrazzjoni globali ma jistgħux jiġu solvuti fit-territorju tal-Ewropa, u għalhekk m'għandniex nimportaw problemi li ma jistgħux jissolvew, iżda nagħtu l-għajnuna fejn hija meħtieġa.

Biex tkun tista' tiġi żviluppata Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil effettiva, huwa essenzjali li jinstab bilanċ bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà, iżda nemmnu li dan il-bilanċ ma ntlaħaqx mir-regolamenti proposti. Dan in-nuqqas ta' bilanċ huwa ppruvat b'mod ċar mill-fatt li l-Ungerija mhijiex Stat Membru l-aktar espost, madankollu, aħna Stat Membru bi fruntieri esterni sinifikanti, li jibqa' responsabbli għall-waqfien tal-pressjoni migratorja fuq l-Unjoni Ewropea. Minbarra din ir-responsabbiltà, ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil jobbliga lill-Ungerija tiżgura livell ħafna ogħla ta' kapaċità għat-twettiq ta' proċeduri fuq il-fruntiera minn Stati Membri oħra, li mhuwiex ġust u realistiku meta titqies il-pożizzjoni ġeografika tagħna.

L-Ungerija ilha mill-2015 tikkommetti ruħha għall-protezzjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea, mingħajr l-appoġġ tal-UE, f'konformità mal-obbligi tagħha skont l-acquis ta' Schengen. L-isforzi tagħna għandhom jiġu rikonoxxuti wkoll bħala forma ta' solidarjetà. Għall-kuntrarju ta' dan, il-qafas legali l-ġdid propost ma jqisx ir-riżorsi mill-baġits nazzjonali li jintefqu fuq il-protezzjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea bħala solidarjetà, iżda minflok jimponi obbligi addizzjonali kemm f'termini tal-għoti ta' solidarjetà lil Stati Membri oħra kif ukoll f'termini ta' responsabbiltà għall-waqfien tal-migrazzjoni illegali.

Fl-aħħar nett, u f'konformità mas-sejħa ripetuta tal-Kunsill Ewropew, l-Ungerija tibqa' soda dwar il-ħtieġa li jintlaħaq kunsens dwar politika effettiva dwar il-migrazzjoni u l-ażil mingħajr ma jinħolqu fatturi ġodda ta' attrazzjoni.

B'kont meħud tar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, l-Ungerija mhijiex f'pożizzjoni li tappoġġa l-adozzjoni tar-Regolament li jistabbilixxi proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera, peress li huwa element inseparabbli ta' sistema fundamentalment difettuża."

## DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA

"1. Il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja japprezza l-isforzi tal-Kunsill tal-UE, tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea biex jintlaħaq kompromess dwar rispons komprensiv u responsabbli tal-Unjoni Ewropea biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-proċessi attwali tal-migrazzjoni. Fl-istess ħin, nenfasizzaw li l-Gvern ma kellux l-opportunità reali li jipparteċipa fin-negozjati dwar il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil.

2. Il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja jinnota l-possibbiltà li tittejjeb il-ġestjoni ta' xi wħud mill-aspetti tas-sistema tal-migrazzjoni u l-ażil. Madankollu, analiżi ulterjuri tal-atti legali fi ħdan il-Patt turi li dawn ma jindirizzawx biżżejjed is-sitwazzjoni speċifika tal-Istati Membri li għandhom fruntiera mal-Belarussja u r-Russja u minħabba dan il-fatt kienu taħt pressjoni kostanti u għolja li rriżultat minn rotot migratorji maħluqa artifiċjalment. F'dan il-kuntest, ta' min jinnota li l-Kunsill Ewropew ripetutament, inkluż fil-konklużjonijiet tiegħu mill-14 u l-15 ta' Diċembru 2023, saħaq fuq il-konsegwenzi negattivi tal-fenomenu tal-istrumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni u kkundanna l-użu strumentali tal-migranti minn pajjiżi terzi għal finijiet politiċi.

3. Il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja jieħu l-pożizzjoni li l-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil ma jiżgurax il-bilanċ it-tajjeb bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà u jista' potenzjalment jagħti lok għal tilwim futur bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri.

4. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja ddeċieda li jivvota kontra l-atti legali kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Patt."

**DIKJARAZZJONI MIS-SLOVAKKJA**

"Ir-Repubblika Slovakka tirrikonoxxi l-ħtieġa ta' riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil. Napprezzaw ħafna l-isforzi tal-Presidenzi parteċipanti kollha. Fl-istess ħin, aħna konxji li l-ilħuq tal-kompromess ma kienx kompitu faċli.

Madankollu, huwa essenzjali li ma nirtirawx mill-pożizzjonijiet li kellna u ddikjarajna għal żmien twil.

Napprezzaw li l-Patt jiffoka fuq is-soluzzjoni tal-kawżi tal-migrazzjoni fil-pajjiżi ta' oriġini, li jista' jgħin biex tittaffa l-pressjoni fuq il-fruntieri esterni tal-UE.

Aħna nemmnu li l-prijorità ta' politika Ewropea dwar il-migrazzjoni li tirnexxi għandha tkun il-protezzjoni konsistenti tal-fruntieri esterni tal-UE, kif ukoll politika dwar ir-ritorn effettiva.

Huwa mixtieq li jittieħdu l-miżuri kollha biex tiġi evitata l-migrazzjoni illegali u, fl-istess ħin, jiġu megħjuna dawk fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali.

Filwaqt li nirrikonoxxu li l-kunċett ta' kwoti ta' rilokazzjoni obbligatorji fil-biċċa l-kbira ġie abbandunat, m'aħniex konvinti li l-proposti ppreżentati jilħqu l-bilanċ it-tajjeb bejn is-solidarjetà u r-responsabbiltà.

Is-solidarjetà hija prinċipju importanti fil-ġestjoni tal-migrazzjoni, iżda nemmnu li l-għażla tal-formola għandha dejjem tkun kompletament f'idejn l-Istat Membru. Sfortunatament, il-proposti ma jissodisfawx dan ir-rekwiżit peress li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji huma obbligatorji jekk ċertu numru ta' persuni li jfittxu l-ażil ma jiġux rilokati. Fl-istess ħin, jekk jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, il-kumpens tar-responsabbiltà ta' Dublin isir obbligatorju wkoll. Dawn l-elementi jikkostitwixxu fatturi ta' attrazzjoni qawwija u jipprovdu inċentivi għall-migrazzjoni sekondarja.

Fid-dawl ta' dan kollu, ir-Repubblika Slovakka tivvota kontra l-proposti ppreżentati fil-qasam tas-solidarjetà - ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni (AMMR) kif ukoll ir-Regolament dwar sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' force majeure fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil.

Fid-dawl tan-natura interkonnessa tal-proposti kollha ppreżentati, aħna nastjenu milli nivvutaw fuq il-proposti l-oħra."

| | |
|---|---|
| **Dwar il-punt "A" nru 4:** | **Regolament li jistabbilixxi Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni**<br>*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv* |

**DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA**

"Il-Bulgarija tirringrazzja lill-Presidenza Spanjola u dik Belġjana għall-ħidma intensiva matul in-negozjati mal-Parlament Ewropew li rriżultaw fil-finalizzazzjoni tar-riforma tal-ażil.

Nilqgħu b'sodisfazzjon il-ftehim politiku li ntlaħaq bejn il-koleġiżlaturi. Is-sistema l-ġdida tal-ażil ser tagħti rispons Ewropew komuni komprensiv u strutturat filwaqt li tiżgura bilanċ bejn is-solidarjetà u r-responsabbiltà. Peress li hija wieħed mill-Istati Membri l-aktar esposti b'mod permanenti għar-riskju ta' kriżi migratorja u b'impenji akbar biex tiggarantixxi l-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen, il-Bulgarija ser tiddependi, fi spirtu ta' solidarjetà, fuq responsabbiltà kondiviża ġusta u fuq l-appoġġ ipprovdut mill-fondi tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tar-regoli l-ġodda.

Fl-2018, il-Qorti Kostituzzjonali Bulgara adottat deċiżjoni li tgħid li l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika tippromwovi kunċetti legali relatati man-nozzjoni tal-ġeneru li mhumiex kompattibbli mal-prinċipji ewlenin minquxa fil-Kostituzzjoni Bulgara u biħsiebha tagħmel distinzjoni bejn "sess" bħala kategorija bijoloġika (nisa u rġiel) u "ġeneru" bħala kostrutt soċjali.

Għalhekk, il-Bulgarija hija grata għall-isforzi li saru biex jiġi indirizzat it-tħassib nazzjonali marbut mal-użu ta' termini relatati mal-ġeneru f'xi atti li jagħmlu parti mill-pakkett tal-ażil minħabba d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Bulgarija.

Il-Bulgarija ma topponix l-adozzjoni tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, iżda tixtieq tenfasizza li ser ninterpretaw it-terminoloġija relatata mal-ġeneru użata f'xi atti li jagħmlu parti mill-pakkett tal-ażil fit-tifsira ta' kategorija bijoloġika (nisa u rġiel)."

**DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA ĊEKA**

"Ir-Repubblika Ċeka tirrikonoxxi l-ħtieġa tar-riforma tar-regoli attwali li jirregolaw il-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-ażil. Diversi sfidi u b'mod partikolari l-iżviluppi minn wara l-kriżi tar-refuġjati tal-2015-2016 urew il-vulnerabbiltà tas-sistema tagħna, li ma għadhiex sostenibbli. Peress li soluzzjoni komuni fil-livell tal-UE biss tista' tipprovdi rispons adegwat għal kwistjonijiet li l-UE u l-Istati Membri jiffaċċjaw kemm flimkien kif ukoll individwalment, aħna għalhekk napprezzaw l-isforz biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ewlenin.

Matul in-negozjati tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, ir-Repubblika Ċeka segwiet b'mod partikolari l-objettivi ta' protezzjoni msaħħa tal-fruntieri esterni bil-ħsieb ta' żona Schengen aktar sikura kif ukoll bilanċ funzjonali bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà.

Ir-Repubblika Ċeka tilqa' b'mod speċifiku l-fatt li l-kompromess finali ma jistabbilixxix obbligu ta' rilokazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi minn Stati Membri oħra jew minn pajjiżi terzi. Fl-istess ħin u filwaqt li tapprezza titjib ieħor għas-sistema attwali, ir-Repubblika Ċeka tinnota li l-eżitu tan-negozjati interistituzzjonali ma laħaqx l-ambizzjoni tal-mandat tal-Kunsill u li l-effiċjenza ta' xi strumenti kienet ġiet kompromessa minn piż amministrattiv addizzjonali fuq l-Istati Membri, li ġġenera diffikultajiet prattiċi kif ukoll żieda fl-ispejjeż.

Fid-dawl ta' dan kollu u f'konformità mal-approċċ tal-pakkett, ir-Repubblika Ċeka ddeċidiet li tastjeni milli tivvota dwar l-istrumenti leġiżlattivi tal-Patt. Madankollu, ir-Repubblika Ċeka tapprezza l-ispirtu ta' għaqda tal-UE u tqis dan l-istadju importanti bħala opportunità ġdida biex titkompla, bi sforz imsaħħaħ, ir-riforma ulterjuri tal-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-ażil b'enfasi speċifika fuq id-dimensjoni esterna u l-ideat innovattivi f'dak il-qasam.

## DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"L-Ungerija tibqa' konvinta bis-sħiħ mill-ħtieġa li tiġi żviluppata Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil li jkollha l-għan li tindirizza l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni illegali, timminimizza u fl-aħħar mill-aħħar telimina l-inċentivi għall-migrazzjoni illegali u tiskoraġġixxi lill-persuni li jixtiequ jabbużaw mis-sistema tal-ażil milli jidħlu fl-Unjoni Ewropea, u tinkludi l-possibbiltà li l-applikazzjonijiet għall-ażil jiġu eżaminati f'pajjiżi terzi abbażi tal-prinċipju ta' ekstraterritorjalità. Biex inkunu nistgħu nilħqu dawn l-għanijiet jeħtieġ li, l-ewwel u qabel kollox, nirrikonoxxu li l-isfidi tal-migrazzjoni globali ma jistgħux jiġu solvuti fit-territorju tal-Ewropa, u għalhekk m'għandniex nimportaw problemi li ma jistgħux jissolvew, iżda nagħtu l-għajnuna fejn hija meħtieġa.

Biex tkun tista' tiġi żviluppata Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil effettiva, huwa essenzjali li jinstab bilanċ bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà, iżda nemmnu li dan il-bilanċ ma ntlaħaqx mill-atti leġiżlattivi proposti.

Barra minn hekk, l-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta t-terminu "ġeneru" bħala referenza għas-"sess" fl-atti legali rilevanti.

Fl-aħħar nett, u f'konformità mas-sejħa ripetuta tal-Kunsill Ewropew, l-Ungerija tibqa' soda dwar il-ħtieġa li jintlaħaq kunsens dwar politika effettiva dwar il-migrazzjoni u l-ażil mingħajr ma jinħolqu fatturi ġodda ta' attrazzjoni.

B'kont meħud tar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, l-Ungerija mhix f'pożizzjoni li tappoġġa l-adozzjoni tar-Regolament li jistabbilixxi Qafas ta' Risistemazzjoni tal-UE, peress li huwa element inseparabbli ta' sistema fundamentalment difettuża."

## DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA

"1. Il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja japprezza l-isforzi tal-Kunsill tal-UE, tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea biex jintlaħaq kompromess dwar rispons komprensiv u responsabbli tal-Unjoni Ewropea biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-proċessi attwali tal-migrazzjoni. Fl-istess ħin, nenfasizzaw li l-Gvern ma kellux l-opportunità reali li jipparteċipa fin-negozjati dwar il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil.

2. Il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja jinnota l-possibbiltà li tittejjeb il-ġestjoni ta' xi wħud mill-aspetti tas-sistema tal-migrazzjoni u l-ażil. Madankollu, analiżi ulterjuri tal-atti legali fi ħdan il-Patt turi li dawn ma jindirizzawx biżżejjed is-sitwazzjoni speċifika tal-Istati Membri li għandhom fruntiera mal-Belarussja u r-Russja u minħabba dan il-fatt kienu taħt pressjoni kostanti u għolja li rriżultat minn rotot migratorji maħluqa artifiċjalment. F'dan il-kuntest, ta' min jinnota li l-Kunsill Ewropew ripetutament, inkluż fil-konklużjonijiet tiegħu mill-14 u l-15 ta' Diċembru 2023, saħaq fuq il-konsegwenzi negattivi tal-fenomenu tal-istrumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni u kkundanna l-użu strumentali tal-migranti minn pajjiżi terzi għal finijiet politiċi.

3. Il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja jieħu l-pożizzjoni li l-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil ma jiżgurax il-bilanċ it-tajjeb bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà u jista' potenzjalment jagħti lok għal tilwim futur bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri.

4. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja ddeċieda li jivvota kontra l-atti legali kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Patt."

## DIKJARAZZJONI MIS-SLOVAKKJA

"Ir-Repubblika Slovakka tirrikonoxxi l-ħtieġa ta' riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil. Napprezzaw ħafna l-isforzi tal-Presidenzi parteċipanti kollha. Fl-istess ħin, aħna konxji li l-ilħuq tal-kompromess ma kienx kompitu faċli.

Madankollu, huwa essenzjali li ma nirtirawx mill-pożizzjonijiet li kellna u ddikjarajna għal żmien twil.

Napprezzaw li l-Patt jiffoka fuq is-soluzzjoni tal-kawżi tal-migrazzjoni fil-pajjiżi ta' oriġini, li jista' jgħin biex tittaffa l-pressjoni fuq il-fruntieri esterni tal-UE. Aħna nemmnu li l-prijorità ta' politika Ewropea dwar il-migrazzjoni li tirnexxi għandha tkun il-protezzjoni konsistenti tal-fruntieri esterni tal-UE, kif ukoll politika dwar ir-ritorn effettiva.

Huwa mixtieq li jittieħdu l-miżuri kollha biex tiġi evitata l-migrazzjoni illegali u, fl-istess ħin, jiġu megħjuna dawk fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali.

Filwaqt li nirrikonoxxu li l-kunċett ta' kwoti ta' rilokazzjoni obbligatorji fil-biċċa l-kbira ġie abbandunat, m'aħniex konvinti li l-proposti ppreżentati jilħqu l-bilanċ it-tajjeb bejn is-solidarjetà u r-responsabbiltà.

Is-solidarjetà hija prinċipju importanti fil-ġestjoni tal-migrazzjoni, iżda nemmnu li l-għażla tal-formola għandha dejjem tkun kompletament f'idejn l-Istat Membru. Sfortunatament, il-proposti ma jissodisfawx dan ir-rekwiżit peress li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji huma obbligatorji jekk ċertu numru ta' persuni li jfittxu l-ażil ma jiġux rilokati. Fl-istess ħin, jekk jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, il-kumpens tar-responsabbiltà ta' Dublin isir obbligatorju wkoll. Dawn l-elementi jikkostitwixxu fatturi ta' attrazzjoni qawwija u jipprovdu inċentivi għall-migrazzjoni sekondarja.

Fid-dawl ta' dan kollu, ir-Repubblika Slovakka tivvota kontra l-proposti ppreżentati fil-qasam tas-solidarjetà - ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni (AMMR) kif ukoll ir-Regolament dwar sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' force majeure fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil.

Fid-dawl tan-natura interkonnessa tal-proposti kollha ppreżentati, aħna nastjenu milli nivvutaw fuq il-proposti l-oħra."

<u>**Dwar il-punt "A" nru 5:**</u> **Regolament dwar sitwazzjonijiet ta' kriżi fil-qasam tal-migrazzjoni u tal-ażil**
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

**DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA**

"Il-Bulgarija tirringrazzja lill-Presidenza Spanjola u dik Belġjana għall-ħidma intensiva matul in-negozjati mal-Parlament Ewropew li rriżultaw fil-finalizzazzjoni tar-riforma tal-ażil.

Nilqgħu b'sodisfazzjon il-ftehim politiku li ntlaħaq bejn il-koleġiżlaturi. Is-sistema l-ġdida tal-ażil ser tagħti rispons Ewropew komuni komprensiv u strutturat filwaqt li tiżgura bilanċ bejn is-solidarjetà u r-responsabbiltà. Peress li hija wieħed mill-Istati Membri l-aktar esposti b'mod permanenti għar-riskju ta' kriżi migratorja u b'impenji akbar biex tiggarantixxi l-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen, il-Bulgarija ser tiddependi, fi spirtu ta' solidarjetà, fuq responsabbiltà kondiviża ġusta u fuq l-appoġġ ipprovdut mill-fondi tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tar-regoli l-ġodda.

Fl-2018, il-Qorti Kostituzzjonali Bulgara adottat deċiżjoni li tgħid li l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika tippromwovi kunċetti legali relatati man-nozzjoni tal-ġeneru li mhumiex kompattibbli mal-prinċipji ewlenin minquxa fil-Kostituzzjoni Bulgara u biħsiebha tagħmel distinzjoni bejn "sess" bħala kategorija bijoloġika (nisa u rġiel) u "ġeneru" bħala kostrutt soċjali.

Għalhekk, il-Bulgarija hija grata għall-isforzi li saru biex jiġi indirizzat it-tħassib nazzjonali marbut mal-użu ta' termini relatati mal-ġeneru f'xi atti li jagħmlu parti mill-pakkett tal-ażil minħabba d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Bulgarija.

Il-Bulgarija ma topponix l-adozzjoni tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, iżda tixtieq tenfasizza li ser ninterpretaw it-terminoloġija relatata mal-ġeneru użata f'xi atti li jagħmlu parti mill-pakkett tal-ażil fit-tifsira ta' kategorija bijoloġika (nisa u rġiel)."

**DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA ĊEKA**

"Ir-Repubblika Ċeka tirrikonoxxi l-ħtieġa tar-riforma tar-regoli attwali li jirregolaw il-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-ażil. Diversi sfidi u b'mod partikolari l-iżviluppi minn wara l-kriżi tar-refuġjati tal-2015-2016 urew il-vulnerabbiltà tas-sistema tagħna, li ma għadhiex sostenibbli. Peress li soluzzjoni komuni fil-livell tal-UE biss tista' tipprovdi rispons adegwat għal kwistjonijiet li l-UE u l-Istati Membri jiffaċċjaw kemm flimkien kif ukoll individwalment, aħna għalhekk napprezzaw l-isforz biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ewlenin.

Matul in-negozjati tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, ir-Repubblika Ċeka segwiet b'mod partikolari l-objettivi ta' protezzjoni msaħħa tal-fruntieri esterni bil-ħsieb ta' żona Schengen aktar sikura kif ukoll bilanċ funzjonali bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà.

Ir-Repubblika Ċeka tilqa' b'mod speċifiku l-fatt li l-kompromess finali ma jistabbilixxix obbligu ta' rilokazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi minn Stati Membri oħra jew minn pajjiżi terzi. Fl-istess ħin u filwaqt li tapprezza titjib ieħor għas-sistema attwali, ir-Repubblika Ċeka tinnota li l-eżitu tan-negozjati interistituzzjonali ma laħaqx l-ambizzjoni tal-mandat tal-Kunsill u li l-effiċjenza ta' xi strumenti kienet ġiet kompromessa minn piż amministrattiv addizzjonali fuq l-Istati Membri, li ġġenera diffikultajiet prattiċi kif ukoll żieda fl-ispejjeż.

Fid-dawl ta' dan kollu u f'konformità mal-approċċ tal-pakkett, ir-Repubblika Ċeka ddeċidiet li tastjeni milli tivvota dwar l-istrumenti leġiżlattivi tal-Patt. Madankollu, ir-Repubblika Ċeka tapprezza l-ispirtu tal-għaqda tal-UE u tqis dan l-istadju importanti bħala opportunità ġdida biex, bi sforz imsaħħaħ, titkompla r-riforma ulterjuri tal-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-ażil u b'enfasi speċifika fuq id-dimensjoni esterna u l-ideat innovattivi f'dak il-qasam."

**DIKJARAZZJONI MIL-LITWANJA**

"Il-Litwanja tilqa' l-kompromess milħuq dwar il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil li ser jikkontribwixxi għal ġestjoni aktar effettiva tal-ażil u l-migrazzjoni fl-UE. Il-Litwanja tenfasizza wkoll l-importanza li jiġu żgurati miżuri ta' rispons sodi u effettivi tal-UE għall-istrumentalizzazzjoni tal-migranti minn reġimi ostili fil-fruntieri esterni tagħna.

Madankollu, aħna nemmnu li l-miżuri ta' rispons stabbiliti fir-Regolament dwar Sitwazzjonijiet ta' Kriżi setgħu kienu aktar ambizzjużi u aktar determinati. F'dan ir-rigward, jiddispjaċina li ma nżammux ċerti aspetti tal-mandat tal-Kunsill dwar ir-Regolament dwar Sitwazzjonijiet ta' Kriżi, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu t-tul massimu tal-proċedura fuq il-fruntiera fil-każijiet ta' strumentalizzazzjoni.

Fl-ispirtu ta' kompromess, il-Litwanja ddeċidiet li tivvota favur ir-Regolament dwar Sitwazzjonijiet ta' Kriżi, iżda nappellaw lill-UE biex tkompli timmonitorja l-fenomenu tal-istrumentalizzazzjoni u tiżviluppa aktar soluzzjonijiet biex tipprevjeni u tirrispondi b'mod aktar effettiv għalih."

**DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA**

"L-Ungerija tibqa' konvinta bis-sħiħ mill-ħtieġa li tiġi żviluppata Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil li jkollha l-għan li tindirizza l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni illegali, timminimizza u fl-aħħar mill-aħħar telimina l-inċentivi għall-migrazzjoni illegali u tiskoraġġixxi lill-persuni li jixtiequ jabbużaw mis-sistema tal-ażil milli jidħlu fl-Unjoni Ewropea, u tinkludi l-possibbiltà li l-applikazzjonijiet għall-ażil jiġu eżaminati f'pajjiżi terzi abbażi tal-prinċipju ta' ekstraterritorjalità. Biex inkunu nistgħu nilħqu dawn l-għanijiet jeħtieġ li, l-ewwel u qabel kollox, nirrikonoxxu li l-isfidi tal-migrazzjoni globali ma jistgħux jiġu solvuti fit-territorju tal-Ewropa, u għalhekk m'għandniex nimportaw problemi li ma jistgħux jissolvew, iżda nagħtu l-għajnuna fejn hija meħtieġa.

Biex tkun tista' tiġi żviluppata Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil effettiva, huwa essenzjali li jinstab bilanċ bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà, iżda nemmnu li dan il-bilanċ ma ntlaħaqx mill-atti leġiżlattivi proposti. Dan in-nuqqas ta' bilanċ huwa ppruvat b'mod ċar mill-fatt li l-Ungerija mhijiex Stat Membru l-aktar espost, madankollu, aħna Stat Membru bi fruntieri esterni sinifikanti, li jibqa' responsabbli għall-waqfien tal-pressjoni migratorja fuq l-Unjoni Ewropea. Minbarra din ir-responsabbiltà, ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil jobbliga lill-Ungerija tiżgura livell ħafna ogħla ta' kapaċità għat-twettiq ta' proċeduri fuq il-fruntiera minn Stati Membri oħra, li mhuwiex ġust u realistiku meta titqies il-pożizzjoni ġeografika tagħna.

L-Ungerija ilha mill-2015 tikkommetti ruħha għall-protezzjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea, mingħajr l-appoġġ tal-UE, f'konformità mal-obbligi tagħha skont l-acquis ta' Schengen. L-isforzi tagħna għandhom jiġu rikonoxxuti wkoll bħala forma ta' solidarjetà. Għall-kuntrarju ta' dan, il-qafas legali l-ġdid propost ma jqisx ir-riżorsi mill-baġits nazzjonali li jintefqu fuq il-protezzjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea bħala solidarjetà, iżda minflok jimponi obbligi addizzjonali kemm f'termini tal-għoti ta' solidarjetà lil Stati Membri oħra kif ukoll f'termini ta' responsabbiltà għall-waqfien tal-migrazzjoni illegali.

Biex iżżomm mal-pożizzjoni konsistenti tagħna, l-Ungerija ma tistax tappoġġa l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' solidarjetà bbażat fuq id-distribuzzjoni obbligatorja tal-migranti, u għalhekk ma taqbilx mal-introduzzjoni ta' kumpensi tar-responsabbiltà bħala element obbligatorju tal-qafas ta' solidarjetà. Id-deċiżjonijiet tal-Kunsill adottati fl-2015 diġà wrew li mekkaniżmu ta' solidarjetà bbażat fuq id-distribuzzjoni obbligatorja tal-migranti mhux ser itaffi l-piż fuq is-sistemi tal-ażil tagħna, għall-kuntrarju, iżid l-għadd ta' wasliet.

L-Ungerija hija konvinta li l-proposta ta' kompromess dwar ir-Regolament dwar Sitwazzjonijiet ta' Kriżi ma tirrappreżentax soluzzjoni vijabbli biex jiġu indirizzati l-kriżi migratorja jew l-istrumentalizzazzjoni, billi, fost oħrajn, għandha l-għan li ssolvi s-sitwazzjonijiet ta' kriżi primarjament permezz tas-solidarjetà u tippermetti rilokazzjoni obbligatorja de facto u de jure, filwaqt li dan iwassal biss għal żieda esponenzjali fil-flussi migratorji, li konsegwentement ser japprofondixxi l-kriżijiet u jżid il-ħtiġijiet ta' solidarjetà.

Barra minn hekk, l-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta t-terminu "ġeneru" bħala referenza għas-"sess" fl-atti legali rilevanti.

Fl-aħħar nett, u f'konformità mas-sejħa ripetuta tal-Kunsill Ewropew, l-Ungerija tibqa' soda dwar il-ħtieġa li jintlaħaq kunsens dwar politika effettiva dwar il-migrazzjoni u l-ażil mingħajr ma jinħolqu fatturi ġodda ta' attrazzjoni.

B'kont meħud tar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, l-Ungerija mhix f'pożizzjoni li tappoġġa l-adozzjoni tar-Regolament li jindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' force majeure fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil (ir-Regolament dwar Sitwazzjonijiet ta' Kriżi), peress li huwa element inseparabbli ta' sistema fundamentalment difettuża."

**DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA**

"1. Il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja japprezza l-isforzi tal-Kunsill tal-UE, tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea biex jintlaħaq kompromess dwar rispons komprensiv u responsabbli tal-Unjoni Ewropea biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-proċessi attwali tal-migrazzjoni. Fl-istess ħin, nenfasizzaw li l-Gvern ma kellux l-opportunità reali li jipparteċipa fin-negozjati dwar il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil.

2. Il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja jinnota l-possibbiltà li tittejjeb il-ġestjoni ta' xi wħud mill-aspetti tas-sistema tal-migrazzjoni u l-ażil. Madankollu, analiżi ulterjuri tal-atti legali fi ħdan il-Patt turi li dawn ma jindirizzawx biżżejjed is-sitwazzjoni speċifika tal-Istati Membri li għandhom fruntiera mal-Belarussja u r-Russja u minħabba dan il-fatt kienu taħt pressjoni kostanti u għolja li rriżultat minn rotot migratorji maħluqa artifiċjalment. F'dan il-kuntest, ta' min jinnota li l-Kunsill Ewropew ripetutament, inkluż fil-konklużjonijiet tiegħu mill-14 u l-15 ta' Diċembru 2023, saħaq fuq il-konsegwenzi negattivi tal-fenomenu tal-istrumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni u kkundanna l-użu strumentali tal-migranti minn pajjiżi terzi għal finijiet politiċi.

3. Il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja jieħu l-pożizzjoni li l-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil ma jiżgurax il-bilanċ it-tajjeb bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà u jista' potenzjalment jagħti lok għal tilwim futur bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri.

4. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja ddeċieda li jivvota kontra l-atti legali kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Patt."

**DIKJARAZZJONI MIS-SLOVAKKJA**

"Ir-Repubblika Slovakka tirrikonoxxi l-ħtieġa ta' riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil. Napprezzaw ħafna l-isforzi tal-Presidenzi parteċipanti kollha. Fl-istess ħin, aħna konxji li l-ilħuq tal-kompromess ma kienx kompitu faċli.

Madankollu, huwa essenzjali li ma nirtirawx mill-pożizzjonijiet li kellna u ddikjarajna għal żmien twil.

Napprezzaw li l-Patt jiffoka fuq is-soluzzjoni tal-kawżi tal-migrazzjoni fil-pajjiżi ta' oriġini, li jista' jgħin biex tittaffa l-pressjoni fuq il-fruntieri esterni tal-UE.

Aħna nemmnu li l-prijorità ta' politika Ewropea dwar il-migrazzjoni li tirnexxi għandha tkun il-protezzjoni konsistenti tal-fruntieri esterni tal-UE, kif ukoll politika dwar ir-ritorn effettiva.

Huwa mixtieq li jittieħdu l-miżuri kollha biex tiġi evitata l-migrazzjoni illegali u, fl-istess ħin, jiġu megħjuna dawk fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali.

Filwaqt li nirrikonoxxu li l-kunċett ta' kwoti ta' rilokazzjoni obbligatorji fil-biċċa l-kbira ġie abbandunat, m'aħniex konvinti li l-proposti ppreżentati jilħqu l-bilanċ it-tajjeb bejn is-solidarjetà u r-responsabbiltà.

Is-solidarjetà hija prinċipju importanti fil-ġestjoni tal-migrazzjoni, iżda nemmnu li l-għażla tal-formola għandha dejjem tkun kompletament f'idejn l-Istat Membru. Sfortunatament, il-proposti ma jissodisfawx dan ir-rekwiżit peress li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji huma obbligatorji jekk ċertu numru ta' persuni li jfittxu l-ażil ma jiġux rilokati. Fl-istess ħin, jekk jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, il-kumpens tar-responsabbiltà ta' Dublin isir obbligatorju wkoll. Dawn l-elementi jikkostitwixxu fatturi ta' attrazzjoni qawwija u jipprovdu inċentivi għall-migrazzjoni sekondarja.

Fid-dawl ta' dan kollu, ir-Repubblika Slovakka tivvota kontra l-proposti ppreżentati fil-qasam tas-solidarjetà - ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni (AMMR) kif ukoll ir-Regolament dwar sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' force majeure fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil.

Fid-dawl tan-natura interkonnessa tal-proposti kollha ppreżentati, aħna nastjenu milli nivvutaw fuq il-proposti l-oħra."

**Dwar il-punt "A" nru 6:** **Regolament dwar l-iskrinjar fil-fruntieri**
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

**DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA**

"Il-Bulgarija tirringrazzja lill-Presidenza Spanjola u dik Belġjana għall-ħidma intensiva matul in-negozjati mal-Parlament Ewropew li rriżultaw fil-finalizzazzjoni tar-riforma tal-ażil.

Nilqgħu b'sodisfazzjon il-ftehim politiku li ntlaħaq bejn il-koleġiżlaturi. Is-sistema l-ġdida tal-ażil ser tagħti rispons Ewropew komuni komprensiv u strutturat filwaqt li tiżgura bilanċ bejn is-solidarjetà u r-responsabbiltà. Peress li hija wieħed mill-Istati Membri l-aktar esposti b'mod permanenti għar-riskju ta' kriżi migratorja u b'impenji akbar biex tiggarantixxi l-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen, il-Bulgarija ser tiddependi, fi spirtu ta' solidarjetà, fuq responsabbiltà kondiviża ġusta u fuq l-appoġġ ipprovdut mill-fondi tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tar-regoli l-ġodda.

Fl-2018, il-Qorti Kostituzzjonali Bulgara adottat deċiżjoni li tgħid li l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika tippromwovi kunċetti legali relatati man-nozzjoni tal-ġeneru li mhumiex kompattibbli mal-prinċipji ewlenin minquxa fil-Kostituzzjoni Bulgara u biħsiebha tagħmel distinzjoni bejn "sess" bħala kategorija bijoloġika (nisa u rġiel) u "ġeneru" bħala kostrutt soċjali.

Għalhekk, il-Bulgarija hija grata għall-isforzi li saru biex jiġi indirizzat it-tħassib nazzjonali marbut mal-użu ta' termini relatati mal-ġeneru f'xi atti li jagħmlu parti mill-pakkett tal-ażil minħabba d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Bulgarija.

Il-Bulgarija ma topponix l-adozzjoni tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, iżda tixtieq tenfasizza li ser ninterpretaw it-terminoloġija relatata mal-ġeneru użata f'xi atti li jagħmlu parti mill-pakkett tal-ażil fit-tifsira ta' kategorija bijoloġika (nisa u rġiel)."

## DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA ĊEKA

"Ir-Repubblika Ċeka tirrikonoxxi l-ħtieġa tar-riforma tar-regoli attwali li jirregolaw il-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-ażil. Diversi sfidi u b'mod partikolari l-iżviluppi minn wara l-kriżi tar-refuġjati tal-2015-2016 urew il-vulnerabbiltà tas-sistema tagħna, li ma għadhiex sostenibbli. Peress li soluzzjoni komuni fil-livell tal-UE biss tista' tipprovdi rispons adegwat għal kwistjonijiet li l-UE u l-Istati Membri jiffaċċjaw kemm flimkien kif ukoll individwalment, aħna għalhekk napprezzaw l-isforz biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ewlenin.

Matul in-negozjati tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, ir-Repubblika Ċeka segwiet b'mod partikolari l-objettivi ta' protezzjoni msaħħa tal-fruntieri esterni bil-ħsieb ta' żona Schengen aktar sikura kif ukoll bilanċ funzjonali bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà.

Ir-Repubblika Ċeka tilqa' b'mod speċifiku l-fatt li l-kompromess finali ma jistabbilixxix obbligu ta' rilokazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi minn Stati Membri oħra jew minn pajjiżi terzi. Fl-istess ħin u filwaqt li tapprezza titjib ieħor għas-sistema attwali, ir-Repubblika Ċeka tinnota li l-eżitu tan-negozjati interistituzzjonali ma laħaqx l-ambizzjoni tal-mandat tal-Kunsill u li l-effiċjenza ta' xi strumenti kienet ġiet kompromessa minn piż amministrattiv addizzjonali fuq l-Istati Membri, li ġġenera diffikultajiet prattiċi kif ukoll żieda fl-ispejjeż.

Fid-dawl ta' dan kollu u f'konformità mal-approċċ tal-pakkett, ir-Repubblika Ċeka ddeċidiet li tastjeni milli tivvota dwar l-istrumenti leġiżlattivi tal-Patt. Madankollu, ir-Repubblika Ċeka tapprezza l-ispirtu ta' għaqda tal-UE u tqis dan l-istadju importanti bħala opportunità ġdida biex titkompla, bi sforz imsaħħaħ, ir-riforma ulterjuri tal-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-ażil b'enfasi speċifika fuq id-dimensjoni esterna u l-ideat innovattivi f'dak il-qasam."

## DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"L-Ungerija tibqa' konvinta bis-sħiħ mill-ħtieġa li tiġi żviluppata Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil li jkollha l-għan li tindirizza l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni illegali, timminimizza u fl-aħħar mill-aħħar telimina l-inċentivi għall-migrazzjoni illegali u tiskoraġġixxi lill-persuni li jixtiequ jabbużaw mis-sistema tal-ażil milli jidħlu fl-Unjoni Ewropea, u tinkludi l-possibbiltà li l-applikazzjonijiet għall-ażil jiġu eżaminati f'pajjiżi terzi abbażi tal-prinċipju ta' ekstraterritorjalità. Biex inkunu nistgħu nilħqu dawn l-għanijiet jeħtieġ li, l-ewwel u qabel kollox, nirrikonoxxu li l-isfidi tal-migrazzjoni globali ma jistgħux jiġu solvuti fit-territorju tal-Ewropa, u għalhekk m'għandniex nimportaw problemi li ma jistgħux jissolvew, iżda nagħtu l-għajnuna fejn hija meħtieġa.

Biex tkun tista' tiġi żviluppata Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil effettiva, huwa essenzjali li jinstab bilanċ bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà, iżda nemmnu li dan il-bilanċ ma ntlaħaqx mill-atti leġiżlattivi proposti.

Barra minn hekk, l-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta t-terminu "ġeneru" bħala referenza għas-"sess" fl-atti legali rilevanti.

Fl-aħħar nett, u f'konformità mas-sejħa ripetuta tal-Kunsill Ewropew, l-Ungerija tibqa' soda dwar il-ħtieġa li jintlaħaq kunsens dwar politika effettiva dwar il-migrazzjoni u l-ażil mingħajr ma jinħolqu fatturi ġodda ta' attrazzjoni.

B'kont meħud tar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, l-Ungerija mhijiex f'pożizzjoni li tappoġġa l-adozzjoni tar-Regolament dwar l-Iskrinjar, peress li huwa element inseparabbli ta' sistema fundamentalment difettuża."

## DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA

"1. Il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja japprezza l-isforzi tal-Kunsill tal-UE, tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea biex jintlaħaq kompromess dwar rispons komprensiv u responsabbli tal-Unjoni Ewropea biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-proċessi attwali tal-migrazzjoni. Fl-istess ħin, nenfasizzaw li l-Gvern ma kellux l-opportunità reali li jipparteċipa fin-negozjati dwar il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil.

2. Il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja jinnota l-possibbiltà li tittejjeb il-ġestjoni ta' xi wħud mill-aspetti tas-sistema tal-migrazzjoni u l-ażil. Madankollu, analiżi ulterjuri tal-atti legali fi ħdan il-Patt turi li dawn ma jindirizzawx biżżejjed is-sitwazzjoni speċifika tal-Istati Membri li għandhom fruntiera mal-Belarussja u r-Russja u minħabba dan il-fatt kienu taħt pressjoni kostanti u għolja li rriżultat minn rotot migratorji maħluqa artifiċjalment. F'dan il-kuntest, ta' min jinnota li l-Kunsill Ewropew ripetutament, inkluż fil-konklużjonijiet tiegħu mill-14 u l-15 ta' Diċembru 2023, saħaq fuq il-konsegwenzi negattivi tal-fenomenu tal-istrumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni u kkundanna l-użu strumentali tal-migranti minn pajjiżi terzi għal finijiet politiċi.

3. Il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja jieħu l-pożizzjoni li l-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil ma jiżgurax il-bilanċ it-tajjeb bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà u jista' potenzjalment jagħti lok għal tilwim futur bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri.

4. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja ddeċieda li jivvota kontra l-atti legali kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Patt."

**DIKJARAZZJONI MIS-SLOVAKKJA**

"Ir-Repubblika Slovakka tirrikonoxxi l-ħtieġa ta' riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil. Napprezzaw ħafna l-isforzi tal-Presidenzi parteċipanti kollha. Fl-istess ħin, aħna konxji li l-ilħuq tal-kompromess ma kienx kompitu faċli.

Madankollu, huwa essenzjali li ma nirtirawx mill-pożizzjonijiet li kellna u ddikjarajna għal żmien twil.

Napprezzaw li l-Patt jiffoka fuq is-soluzzjoni tal-kawżi tal-migrazzjoni fil-pajjiżi ta' oriġini, li jista' jgħin biex tittaffa l-pressjoni fuq il-fruntieri esterni tal-UE.

Aħna nemmnu li l-prijorità ta' politika Ewropea dwar il-migrazzjoni li tirnexxi għandha tkun il-protezzjoni konsistenti tal-fruntieri esterni tal-UE, kif ukoll politika dwar ir-ritorn effettiva.

Huwa mixtieq li jittieħdu l-miżuri kollha biex tiġi evitata l-migrazzjoni illegali u, fl-istess ħin, jiġu megħjuna dawk fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali.

Filwaqt li nirrikonoxxu li l-kunċett ta' kwoti ta' rilokazzjoni obbligatorji fil-biċċa l-kbira ġie abbandunat, m'aħniex konvinti li l-proposti ppreżentati jilħqu l-bilanċ it-tajjeb bejn is-solidarjetà u r-responsabbiltà.

Is-solidarjetà hija prinċipju importanti fil-ġestjoni tal-migrazzjoni, iżda nemmnu li l-għażla tal-formola għandha dejjem tkun kompletament f'idejn l-Istat Membru. Sfortunatament, il-proposti ma jissodisfawx dan ir-rekwiżit peress li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji huma obbligatorji jekk ċertu numru ta' persuni li jfittxu l-ażil ma jiġux rilokati. Fl-istess ħin, jekk jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, il-kumpens tar-responsabbiltà ta' Dublin isir obbligatorju wkoll. Dawn l-elementi jikkostitwixxu fatturi ta' attrazzjoni qawwija u jipprovdu inċentivi għall-migrazzjoni sekondarja.

Fid-dawl ta' dan kollu, ir-Repubblika Slovakka tivvota kontra l-proposti ppreżentati fil-qasam tas-solidarjetà - ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni (AMMR) kif ukoll ir-Regolament dwar sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' force majeure fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil.

Fid-dawl tan-natura interkonnessa tal-proposti kollha ppreżentati, aħna nastjenu milli nivvutaw fuq il-proposti l-oħra."

**DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI**

"Il-modalitajiet biex jitwettqu verifiki preliminari tas-saħħa previsti mir-Regolament dwar l-Iskrinjar jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Istati Membri. Il-possibbiltà għal valutazzjoni individwali prima facie tkun biżżejjed biex jiġi konkluż li ma hemmx bżonn ta' aktar verifiki tas-saħħa, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi individwali speċifiċi. Dan, kif ukoll id-definizzjoni wiesgħa ta' persunal mediku kwalifikat, se jippermettu lill-Istati Membri jagħmlu użu proporzjonali mir-riżorsi disponibbli. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu postijiet adegwati u xierqa biex iwettqu skrinjar fit-territorju f'perjodu ta' tlett ijiem wara l-arrest."

| | |
|---|---|
| **Dwar il-punt "A" nru 7:** | **Regolament dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni**<br>*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv* |

**DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA**

"Il-Bulgarija tirringrazzja lill-Presidenza Spanjola u dik Belġjana għall-ħidma intensiva matul in-negozjati mal-Parlament Ewropew li rriżultaw fil-finalizzazzjoni tar-riforma tal-ażil.

Nilqgħu b'sodisfazzjon il-ftehim politiku li ntlaħaq bejn il-koleġiżlaturi. Is-sistema l-ġdida tal-ażil ser tagħti rispons Ewropew komuni komprensiv u strutturat filwaqt li tiżgura bilanċ bejn is-solidarjetà u r-responsabbiltà. Peress li hija wieħed mill-Istati Membri l-aktar esposti b'mod permanenti għar-riskju ta' kriżi migratorja u b'impenji akbar biex tiggarantixxi l-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen, il-Bulgarija ser tiddependi, fi spirtu ta' solidarjetà, fuq responsabbiltà kondiviża ġusta u fuq l-appoġġ ipprovdut mill-fondi tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tar-regoli l-ġodda.

Fl-2018, il-Qorti Kostituzzjonali Bulgara adottat deċiżjoni li tgħid li l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika tippromwovi kunċetti legali relatati man-nozzjoni tal-ġeneru li mhumiex kompattibbli mal-prinċipji ewlenin minquxa fil-Kostituzzjoni Bulgara u biħsiebha tagħmel distinzjoni bejn "sess" bħala kategorija bijoloġika (nisa u rġiel) u "ġeneru" bħala kostrutt soċjali.

Għalhekk, il-Bulgarija hija grata għall-isforzi li saru biex jiġi indirizzat it-tħassib nazzjonali marbut mal-użu ta' termini relatati mal-ġeneru f'xi atti li jagħmlu parti mill-pakkett tal-ażil minħabba d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Bulgarija.

Il-Bulgarija ma topponix l-adozzjoni tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, iżda tixtieq tenfasizza li ser ninterpretaw it-terminoloġija relatata mal-ġeneru użata f'xi atti li jagħmlu parti mill-pakkett tal-ażil fit-tifsira ta' kategorija bijoloġika (nisa u rġiel)."

## DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA ĊEKA

"Ir-Repubblika Ċeka tirrikonoxxi l-ħtieġa tar-riforma tar-regoli attwali li jirregolaw il-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-ażil. Diversi sfidi u b'mod partikolari l-iżviluppi minn wara l-kriżi tar-refuġjati tal-2015-2016 urew il-vulnerabbiltà tas-sistema tagħna, li ma għadhiex sostenibbli. Peress li soluzzjoni komuni fil-livell tal-UE biss tista' tipprovdi rispons adegwat għal kwistjonijiet li l-UE u l-Istati Membri jiffaċċjaw kemm flimkien kif ukoll individwalment, aħna għalhekk napprezzaw l-isforz biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ewlenin.

Matul in-negozjati tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, ir-Repubblika Ċeka segwiet b'mod partikolari l-objettivi ta' protezzjoni msaħħa tal-fruntieri esterni bil-ħsieb ta' żona Schengen aktar sikura kif ukoll bilanċ funzjonali bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà.

Ir-Repubblika Ċeka tilqa' b'mod speċifiku l-fatt li l-kompromess finali ma jistabbilixxix obbligu ta' rilokazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi minn Stati Membri oħra jew minn pajjiżi terzi. Fl-istess ħin u filwaqt li tapprezza titjib ieħor għas-sistema attwali, ir-Repubblika Ċeka tinnota li l-eżitu tan-negozjati interistituzzjonali ma laħaqx l-ambizzjoni tal-mandat tal-Kunsill u li l-effiċjenza ta' xi strumenti kienet ġiet kompromessa minn piż amministrattiv addizzjonali fuq l-Istati Membri, li ġġenera diffikultajiet prattiċi kif ukoll żieda fl-ispejjeż.

Fid-dawl ta' dan kollu u f'konformità mal-approċċ tal-pakkett, ir-Repubblika Ċeka ddeċidiet li tastjeni milli tivvota dwar l-istrumenti leġiżlattivi tal-Patt. Madankollu, ir-Repubblika Ċeka tapprezza l-ispirtu ta' għaqda tal-UE u tqis dan l-istadju importanti bħala opportunità ġdida biex titkompla, bi sforz imsaħħaħ, ir-riforma ulterjuri tal-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-ażil b'enfasi speċifika fuq id-dimensjoni esterna u l-ideat innovattivi f'dak il-qasam."

## DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"L-Ungerija tibqa' konvinta bis-sħiħ mill-ħtieġa li tiġi żviluppata Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil li jkollha l-għan li tindirizza l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni illegali, timminimizza u fl-aħħar mill-aħħar telimina l-inċentivi għall-migrazzjoni illegali u tiskoraġġixxi lill-persuni li jixtiequ jabbużaw mis-sistema tal-ażil milli jidħlu fl-Unjoni Ewropea, u tinkludi l-possibbiltà li l-applikazzjonijiet għall-ażil jiġu eżaminati f'pajjiżi terzi abbażi tal-prinċipju ta' ekstraterritorjalità. Biex inkunu nistgħu nilħqu dawn l-għanijiet jeħtieġ li, l-ewwel u qabel kollox, nirrikonoxxu li l-isfidi tal-migrazzjoni globali ma jistgħux jiġu solvuti fit-territorju tal-Ewropa, u għalhekk m'għandniex nimportaw problemi li ma jistgħux jissolvew, iżda nagħtu l-għajnuna fejn hija meħtieġa.

Biex tkun tista' tiġi żviluppata Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil effettiva, huwa essenzjali li jinstab bilanċ bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà, iżda nemmnu li dan il-bilanċ ma ntlaħaqx mill-atti leġiżlattivi proposti. Dan in-nuqqas ta' bilanċ huwa ppruvat b'mod ċar mill-fatt li l-Ungerija mhijiex Stat Membru l-aktar espost, madankollu, aħna Stat Membru bi fruntieri esterni sinifikanti, li jibqa' responsabbli għall-waqfien tal-pressjoni migratorja fuq l-Unjoni Ewropea. Minbarra din ir-responsabbiltà, ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil jobbliga lill-Ungerija tiżgura livell ħafna ogħla ta' kapaċità għat-twettiq ta' proċeduri fuq il-fruntiera minn Stati Membri oħra, li mhuwiex ġust u realistiku meta titqies il-pożizzjoni ġeografika tagħna.

L-Ungerija ilha mill-2015 tikkommetti ruħha għall-protezzjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea, mingħajr l-appoġġ tal-UE, f'konformità mal-obbligi tagħha skont l-acquis ta' Schengen. L-isforzi tagħna għandhom jiġu rikonoxxuti wkoll bħala forma ta' solidarjetà. Għall-kuntrarju ta' dan, il-qafas legali l-ġdid propost ma jqisx ir-riżorsi mill-baġits nazzjonali li jintefqu fuq il-protezzjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea bħala solidarjetà, iżda minflok jimponi obbligi addizzjonali kemm f'termini tal-għoti ta' solidarjetà lil Stati Membri oħra kif ukoll f'termini ta' responsabbiltà għall-waqfien tal-migrazzjoni illegali.

Biex iżżomm mal-pożizzjoni konsistenti tagħna, l-Ungerija ma tistax tappoġġa l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' solidarjetà bbażat fuq id-distribuzzjoni obbligatorja tal-migranti, u għalhekk ma taqbilx mal-introduzzjoni ta' kumpensi tar-responsabbiltà bħala element obbligatorju tal-qafas ta' solidarjetà. Id-deċiżjonijiet tal-Kunsill adottati fl-2015 diġà wrew li mekkaniżmu ta' solidarjetà bbażat fuq id-distribuzzjoni obbligatorja tal-migranti mhux ser itaffi l-piż fuq is-sistemi tal-ażil tagħna, għall-kuntrarju, iżid l-għadd ta' wasliet.

Fl-aħħar nett, u f'konformità mas-sejħa ripetuta tal-Kunsill Ewropew, l-Ungerija tibqa' soda dwar il-ħtieġa li jintlaħaq kunsens dwar politika effettiva dwar il-migrazzjoni u l-ażil mingħajr ma jinħolqu fatturi ġodda ta' attrazzjoni.

B'kont meħud tar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, l-Ungerija mhijiex f'pożizzjoni li tappoġġa l-adozzjoni tar-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni (AMMR), peress li huwa element inseparabbli ta' sistema fundamentalment difettuża."

## DIKJARAZZJONI MINN MALTA

"Ir-riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil tibqa' ta' importanza ewlenija biex jiġi pprovdut il-bilanċ it-tajjeb bejn il-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà fost l-Istati Membri kollha u s-solidarjetà effettiva lejn dawk l-Istati Membri fil-bżonn.

F'dan ir-rigward, filwaqt li tirringrazzja lill-Presidenza Spanjola u dik Belġjana, u lill-Kummissjoni, għall-isforzi li saru matul in-negozjati mal-Parlament Ewropew, Malta hija tal-fehma li t-testi finali tar-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni u tar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil għadhom ma jipprovdux il-bilanċ meħtieġ.

Kif diġà ġie ddikjarat f'Ġunju 2023, Malta, bħala Stat Membru Gżira żgħir b'vulnerabbiltajiet partikolari, diġà qed tiffaċċa piż sinifikanti minħabba l-acquis attwali. L-elementi stipulati fir-riforma ser ikomplu jżidu r-responsabbiltajiet filwaqt li l-mekkaniżmu ta' solidarjetà, għalkemm permanenti u obbligatorju, jibqa' flessibbli u ma jipprovdix l-assigurazzjonijiet meħtieġa li l-ħtiġijiet identifikati ser jiġu ssodisfati bis-sħiħ.

Għalhekk, Malta qed tastjeni rigward ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni u rigward ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil."

**DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA**

"1. Il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja japprezza l-isforzi tal-Kunsill tal-UE, tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea biex jintlaħaq kompromess dwar rispons komprensiv u responsabbli tal-Unjoni Ewropea biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-proċessi attwali tal-migrazzjoni. Fl-istess ħin, nenfasizzaw li l-Gvern ma kellux l-opportunità reali li jipparteċipa fin-negozjati dwar il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil.

2. Il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja jinnota l-possibbiltà li tittejjeb il-ġestjoni ta' xi wħud mill-aspetti tas-sistema tal-migrazzjoni u l-ażil. Madankollu, analiżi ulterjuri tal-atti legali fi ħdan il-Patt turi li dawn ma jindirizzawx biżżejjed is-sitwazzjoni speċifika tal-Istati Membri li għandhom fruntiera mal-Belarussja u r-Russja u minħabba dan il-fatt kienu taħt pressjoni kostanti u għolja li rriżultat minn rotot migratorji maħluqa artifiċjalment. F'dan il-kuntest, ta' min jinnota li l-Kunsill Ewropew ripetutament, inkluż fil-konklużjonijiet tiegħu mill-14 u l-15 ta' Diċembru 2023, saħaq fuq il-konsegwenzi negattivi tal-fenomenu tal-istrumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni u kkundanna l-użu strumentali tal-migranti minn pajjiżi terzi għal finijiet politiċi.

3. Il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja jieħu l-pożizzjoni li l-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil ma jiżgurax il-bilanċ it-tajjeb bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà u jista' potenzjalment jagħti lok għal tilwim futur bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri.

4. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja ddeċieda li jivvota kontra l-atti legali kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Patt.

**DIKJARAZZJONI MIS-SLOVAKKJA**

"Ir-Repubblika Slovakka tirrikonoxxi l-ħtieġa ta' riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil. Napprezzaw ħafna l-isforzi tal-Presidenzi parteċipanti kollha. Fl-istess ħin, aħna konxji li l-ilħuq tal-kompromess ma kienx kompitu faċli.

Madankollu, huwa essenzjali li ma nirtirawx mill-pożizzjonijiet li kellna u ddikjarajna għal żmien twil.

Napprezzaw li l-Patt jiffoka fuq is-soluzzjoni tal-kawżi tal-migrazzjoni fil-pajjiżi ta' oriġini, li jista' jgħin biex tittaffa l-pressjoni fuq il-fruntieri esterni tal-UE.

Aħna nemmnu li l-prijorità ta' politika Ewropea dwar il-migrazzjoni li tirnexxi għandha tkun il-protezzjoni konsistenti tal-fruntieri esterni tal-UE, kif ukoll politika dwar ir-ritorn effettiva.

Huwa mixtieq li jittieħdu l-miżuri kollha biex tiġi evitata l-migrazzjoni illegali u, fl-istess ħin, jiġu megħjuna dawk fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali.

Filwaqt li nirrikonoxxu li l-kunċett ta' kwoti ta' rilokazzjoni obbligatorji fil-biċċa l-kbira ġie abbandunat, m'aħniex konvinti li l-proposti ppreżentati jilħqu l-bilanċ it-tajjeb bejn is-solidarjetà u r-responsabbiltà.

Is-solidarjetà hija prinċipju importanti fil-ġestjoni tal-migrazzjoni, iżda nemmnu li l-għażla tal-formola għandha dejjem tkun kompletament f'idejn l-Istat Membru. Sfortunatament, il-proposti ma jissodisfawx dan ir-rekwiżit peress li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji huma obbligatorji jekk ċertu numru ta' persuni li jfittxu l-ażil ma jiġux rilokati. Fl-istess ħin, jekk jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, il-kumpens tar-responsabbiltà ta' Dublin isir obbligatorju wkoll. Dawn l-elementi jikkostitwixxu fatturi ta' attrazzjoni qawwija u jipprovdu inċentivi għall-migrazzjoni sekondarja.

Fid-dawl ta' dan kollu, ir-Repubblika Slovakka tivvota kontra l-proposti ppreżentati fil-qasam tas-solidarjetà - ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni (AMMR) kif ukoll ir-Regolament dwar sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' force majeure fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil.

Fid-dawl tan-natura interkonnessa tal-proposti kollha ppreżentati, aħna nastjenu milli nivvutaw fuq il-proposti l-oħra."

<u>**Dwar il-punt "A" nru 8:**</u> **Regolament dwar emendi ta' koerenza fl-iskrinjar fil-fruntieri**
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

**DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA**

"Il-Bulgarija tirringrazzja lill-Presidenza Spanjola u dik Belġjana għall-ħidma intensiva matul in-negozjati mal-Parlament Ewropew li rriżultaw fil-finalizzazzjoni tar-riforma tal-ażil.

Nilqgħu b'sodisfazzjon il-ftehim politiku li ntlaħaq bejn il-koleġiżlaturi. Is-sistema l-ġdida tal-ażil ser tagħti rispons Ewropew komuni komprensiv u strutturat filwaqt li tiżgura bilanċ bejn is-solidarjetà u r-responsabbiltà. Peress li hija wieħed mill-Istati Membri l-aktar esposti b'mod permanenti għar-riskju ta' kriżi migratorja u b'impenji akbar biex tiggarantixxi l-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen, il-Bulgarija ser tiddependi, fi spirtu ta' solidarjetà, fuq responsabbiltà kondiviża ġusta u fuq l-appoġġ ipprovdut mill-fondi tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tar-regoli l-ġodda.

Fl-2018, il-Qorti Kostituzzjonali Bulgara adottat deċiżjoni li tgħid li l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika tippromwovi kunċetti legali relatati man-nozzjoni tal-ġeneru li mhumiex kompattibbli mal-prinċipji ewlenin minquxa fil-Kostituzzjoni Bulgara u biħsiebha tagħmel distinzjoni bejn "sess" bħala kategorija bijoloġika (nisa u rġiel) u "ġeneru" bħala kostrutt soċjali.

Għalhekk, il-Bulgarija hija grata għall-isforzi li saru biex jiġi indirizzat it-tħassib nazzjonali marbut mal-użu ta' termini relatati mal-ġeneru f'xi atti li jagħmlu parti mill-pakkett tal-ażil minħabba d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Bulgarija.

Il-Bulgarija ma topponix l-adozzjoni tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, iżda tixtieq tenfasizza li ser ninterpretaw it-terminoloġija relatata mal-ġeneru użata f'xi atti li jagħmlu parti mill-pakkett tal-ażil fit-tifsira ta' kategorija bijoloġika (nisa u rġiel)."

## DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA ĊEKA

"Ir-Repubblika Ċeka tirrikonoxxi l-ħtieġa tar-riforma tar-regoli attwali li jirregolaw il-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-ażil. Diversi sfidi u b'mod partikolari l-iżviluppi minn wara l-kriżi tar-refuġjati tal-2015-2016 urew il-vulnerabbiltà tas-sistema tagħna, li ma għadhiex sostenibbli. Peress li soluzzjoni komuni fil-livell tal-UE biss tista' tipprovdi rispons adegwat għal kwistjonijiet li l-UE u l-Istati Membri jiffaċċjaw kemm flimkien kif ukoll individwalment, aħna għalhekk napprezzaw l-isforz biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ewlenin.

Matul in-negozjati tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, ir-Repubblika Ċeka segwiet b'mod partikolari l-objettivi ta' protezzjoni msaħħa tal-fruntieri esterni bil-ħsieb ta' żona Schengen aktar sikura kif ukoll bilanċ funzjonali bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà.

Ir-Repubblika Ċeka tilqa' b'mod speċifiku l-fatt li l-kompromess finali ma jistabbilixxix obbligu ta' rilokazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi minn Stati Membri oħra jew minn pajjiżi terzi. Fl-istess ħin u filwaqt li tapprezza titjib ieħor għas-sistema attwali, ir-Repubblika Ċeka tinnota li l-eżitu tan-negozjati interistituzzjonali ma laħaqx l-ambizzjoni tal-mandat tal-Kunsill u li l-effiċjenza ta' xi strumenti kienet ġiet kompromessa minn piż amministrattiv addizzjonali fuq l-Istati Membri, li ġġenera diffikultajiet prattiċi kif ukoll żieda fl-ispejjeż.

Fid-dawl ta' dan kollu u f'konformità mal-approċċ tal-pakkett, ir-Repubblika Ċeka ddeċidiet li tastjeni milli tivvota dwar l-istrumenti leġiżlattivi tal-Patt. Madankollu, ir-Repubblika Ċeka tapprezza l-ispirtu tal-għaqda tal-UE u tqis dan l-istadju importanti bħala opportunità ġdida biex, bi sforz imsaħħaħ, titkompla r-riforma ulterjuri tal-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-ażil u b'enfasi speċifika fuq id-dimensjoni esterna u l-ideat innovattivi f'dak il-qasam."

## DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"L-Ungerija tibqa' konvinta bis-sħiħ mill-ħtieġa li tiġi żviluppata Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil li jkollha l-għan li tindirizza l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni illegali, timminimizza u fl-aħħar mill-aħħar telimina l-inċentivi għall-migrazzjoni illegali u tiskoraġġixxi lill-persuni li jixtiequ jabbużaw mis-sistema tal-ażil milli jidħlu fl-Unjoni Ewropea, u tinkludi l-possibbiltà li l-applikazzjonijiet għall-ażil jiġu eżaminati f'pajjiżi terzi abbażi tal-prinċipju ta' ekstraterritorjalità. Biex inkunu nistgħu nilħqu dawn l-għanijiet jeħtieġ li, l-ewwel u qabel kollox, nirrikonoxxu li l-isfidi tal-migrazzjoni globali ma jistgħux jiġu solvuti fit-territorju tal-Ewropa, u għalhekk m'għandniex nimportaw problemi li ma jistgħux jissolvew, iżda nagħtu l-għajnuna fejn hija meħtieġa.

Biex tkun tista' tiġi żviluppata Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil effettiva, huwa essenzjali li jinstab bilanċ bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà, iżda nemmnu li dan il-bilanċ ma ntlaħaqx mill-atti leġiżlattivi proposti.

Barra minn hekk, l-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta t-terminu "ġeneru" bħala referenza għas-"sess" fl-atti legali rilevanti.

Fl-aħħar nett, u f'konformità mas-sejħa ripetuta tal-Kunsill Ewropew, l-Ungerija tibqa' soda dwar il-ħtieġa li jintlaħaq kunsens dwar politika effettiva dwar il-migrazzjoni u l-ażil mingħajr ma jinħolqu fatturi ġodda ta' attrazzjoni.

B'kont meħud tar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, l-Ungerija mhijiex f'pożizzjoni li tappoġġa l-adozzjoni tar-Regolament dwar emendi ta' koerenza fl-iskrinjar fil-fruntieri, peress li huwa element inseparabbli ta' sistema fundamentalment difettuża."

**Dikjarazzjoni mill-Polonja**

"1. Il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja japprezza l-isforzi tal-Kunsill tal-UE, tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea biex jintlaħaq kompromess dwar rispons komprensiv u responsabbli tal-Unjoni Ewropea biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-proċessi attwali tal-migrazzjoni. Fl-istess ħin, nenfasizzaw li l-Gvern ma kellux l-opportunità reali li jipparteċipa fin-negozjati dwar il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil.

2. Il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja jinnota l-possibbiltà li tittejjeb il-ġestjoni ta' xi wħud mill-aspetti tas-sistema tal-migrazzjoni u l-ażil. Madankollu, analiżi ulterjuri tal-atti legali fi ħdan il-Patt turi li dawn ma jindirizzawx biżżejjed is-sitwazzjoni speċifika tal-Istati Membri li għandhom fruntiera mal-Belarussja u r-Russja u minħabba dan il-fatt kienu taħt pressjoni kostanti u għolja li rriżultat minn rotot migratorji maħluqa artifiċjalment. F'dan il-kuntest, ta' min jinnota li l-Kunsill Ewropew ripetutament, inkluż fil-konklużjonijiet tiegħu mill-14 u l-15 ta' Diċembru 2023, saħaq fuq il-konsegwenzi negattivi tal-fenomenu tal-istrumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni u kkundanna l-użu strumentali tal-migranti minn pajjiżi terzi għal finijiet politiċi.

3. Il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja jieħu l-pożizzjoni li l-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil ma jiżgurax il-bilanċ it-tajjeb bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà u jista' potenzjalment jagħti lok għal tilwim futur bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri.

4. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja ddeċieda li jivvota kontra l-atti legali kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Patt."

**DIKJARAZZJONI MIS-SLOVAKKJA**

"Ir-Repubblika Slovakka tirrikonoxxi l-ħtieġa ta' riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil. Napprezzaw ħafna l-isforzi tal-Presidenzi parteċipanti kollha. Fl-istess ħin, aħna konxji li l-ilħuq tal-kompromess ma kienx kompitu faċli.

Madankollu, huwa essenzjali li ma nirtirawx mill-pożizzjonijiet li kellna u ddikjarajna għal żmien twil.

Napprezzaw li l-Patt jiffoka fuq is-soluzzjoni tal-kawżi tal-migrazzjoni fil-pajjiżi ta' oriġini, li jista' jgħin biex tittaffa l-pressjoni fuq il-fruntieri esterni tal-UE.

Aħna nemmnu li l-prijorità ta' politika Ewropea dwar il-migrazzjoni li tirnexxi għandha tkun il-protezzjoni konsistenti tal-fruntieri esterni tal-UE, kif ukoll politika dwar ir-ritorn effettiva.

Huwa mixtieq li jittieħdu l-miżuri kollha biex tiġi evitata l-migrazzjoni illegali u, fl-istess ħin, jiġu megħjuna dawk fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali.

Filwaqt li nirrikonoxxu li l-kunċett ta' kwoti ta' rilokazzjoni obbligatorji fil-biċċa l-kbira ġie abbandunat, m'aħniex konvinti li l-proposti ppreżentati jilħqu l-bilanċ it-tajjeb bejn is-solidarjetà u r-responsabbiltà.

Is-solidarjetà hija prinċipju importanti fil-ġestjoni tal-migrazzjoni, iżda nemmnu li l-għażla tal-formola għandha dejjem tkun kompletament f'idejn l-Istat Membru. Sfortunatament, il-proposti ma jissodisfawx dan ir-rekwiżit peress li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji huma obbligatorji jekk ċertu numru ta' persuni li jfittxu l-ażil ma jiġux rilokati. Fl-istess ħin, jekk jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, il-kumpens tar-responsabbiltà ta' Dublin isir obbligatorju wkoll. Dawn l-elementi jikkostitwixxu fatturi ta' attrazzjoni qawwija u jipprovdu inċentivi għall-migrazzjoni sekondarja.

Fid-dawl ta' dan kollu, ir-Repubblika Slovakka tivvota kontra l-proposti ppreżentati fil-qasam tas-solidarjetà - ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni (AMMR) kif ukoll ir-Regolament dwar sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' force majeure fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil.

Fid-dawl tan-natura interkonnessa tal-proposti kollha ppreżentati, aħna nastjenu milli nivvutaw fuq il-proposti l-oħra."

| | |
|---|---|
| **Dwar il-punt "A" nru 9:** | **Direttiva dwar il-kundizzjonijiet tal-akkoljenza**<br>*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv* |

**DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA**

"Il-Bulgarija tirringrazzja lill-Presidenza Spanjola u dik Belġjana għall-ħidma intensiva matul in-negozjati mal-Parlament Ewropew li rriżultaw fil-finalizzazzjoni tar-riforma tal-ażil.

Nilqgħu b'sodisfazzjon il-ftehim politiku li ntlaħaq bejn il-koleġiżlaturi. Is-sistema l-ġdida tal-ażil ser tagħti rispons Ewropew komuni komprensiv u strutturat filwaqt li tiżgura bilanċ bejn is-solidarjetà u r-responsabbiltà. Peress li hija wieħed mill-Istati Membri l-aktar esposti b'mod permanenti għar-riskju ta' kriżi migratorja u b'impenji akbar biex tiggarantixxi l-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen, il-Bulgarija ser tiddependi, fi spirtu ta' solidarjetà, fuq responsabbiltà kondiviża ġusta u fuq l-appoġġ ipprovdut mill-fondi tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tar-regoli l-ġodda.

Fl-2018, il-Qorti Kostituzzjonali Bulgara adottat deċiżjoni li tgħid li l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika tippromwovi kunċetti legali relatati man-nozzjoni tal-ġeneru li mhumiex kompattibbli mal-prinċipji ewlenin minquxa fil-Kostituzzjoni Bulgara u biħsiebha tagħmel distinzjoni bejn "sess" bħala kategorija bijoloġika (nisa u rġiel) u "ġeneru" bħala kostrutt soċjali.

Għalhekk, il-Bulgarija hija grata għall-isforzi li saru biex jiġi indirizzat it-tħassib nazzjonali marbut mal-użu ta' termini relatati mal-ġeneru f'xi atti li jagħmlu parti mill-pakkett tal-ażil minħabba d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Bulgarija.

Il-Bulgarija ma topponix l-adozzjoni tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, iżda tixtieq tenfasizza li ser ninterpretaw it-terminoloġija relatata mal-ġeneru użata f'xi atti li jagħmlu parti mill-pakkett tal-ażil fit-tifsira ta' kategorija bijoloġika (nisa u rġiel)."

## DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA ĊEKA

"Ir-Repubblika Ċeka tirrikonoxxi l-ħtieġa tar-riforma tar-regoli attwali li jirregolaw il-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-ażil. Diversi sfidi u b'mod partikolari l-iżviluppi minn wara l-kriżi tar-refuġjati tal-2015-2016 urew il-vulnerabbiltà tas-sistema tagħna, li ma għadhiex sostenibbli. Peress li soluzzjoni komuni fil-livell tal-UE biss tista' tipprovdi rispons adegwat għal kwistjonijiet li l-UE u l-Istati Membri jiffaċċjaw kemm flimkien kif ukoll individwalment, aħna għalhekk napprezzaw l-isforz biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ewlenin.

Matul in-negozjati tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, ir-Repubblika Ċeka segwiet b'mod partikolari l-objettivi ta' protezzjoni msaħħa tal-fruntieri esterni bil-ħsieb ta' żona Schengen aktar sikura kif ukoll bilanċ funzjonali bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà.

Ir-Repubblika Ċeka tilqa' b'mod speċifiku l-fatt li l-kompromess finali ma jistabbilixxix obbligu ta' rilokazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi minn Stati Membri oħra jew minn pajjiżi terzi. Fl-istess ħin u filwaqt li tapprezza titjib ieħor għas-sistema attwali, ir-Repubblika Ċeka tinnota li l-eżitu tan-negozjati interistituzzjonali ma laħaqx l-ambizzjoni tal-mandat tal-Kunsill u li l-effiċjenza ta' xi strumenti kienet ġiet kompromessa minn piż amministrattiv addizzjonali fuq l-Istati Membri, li ġġenera diffikultajiet prattiċi kif ukoll żieda fl-ispejjeż.

Fid-dawl ta' dan kollu u f'konformità mal-approċċ tal-pakkett, ir-Repubblika Ċeka ddeċidiet li tastjeni milli tivvota dwar l-istrumenti leġiżlattivi tal-Patt. Madankollu, ir-Repubblika Ċeka tapprezza l-ispirtu ta' għaqda tal-UE u tqis dan l-istadju importanti bħala opportunità ġdida biex titkompla, bi sforz imsaħħaħ, ir-riforma ulterjuri tal-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-ażil b'enfasi speċifika fuq id-dimensjoni esterna u l-ideat innovattivi f'dak il-qasam."

## DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"L-Ungerija tibqa' konvinta bis-sħiħ mill-ħtieġa li tiġi żviluppata Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil li jkollha l-għan li tindirizza l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni illegali, timminimizza u fl-aħħar mill-aħħar telimina l-inċentivi għall-migrazzjoni illegali u tiskoraġġixxi lill-persuni li jixtiequ jabbużaw mis-sistema tal-ażil milli jidħlu fl-Unjoni Ewropea, u tinkludi l-possibbiltà li l-applikazzjonijiet għall-ażil jiġu eżaminati f'pajjiżi terzi abbażi tal-prinċipju ta' ekstraterritorjalità. Biex inkunu nistgħu nilħqu dawn l-għanijiet jeħtieġ li, l-ewwel u qabel kollox, nirrikonoxxu li l-isfidi tal-migrazzjoni globali ma jistgħux jiġu solvuti fit-territorju tal-Ewropa, u għalhekk m'għandniex nimportaw problemi li ma jistgħux jissolvew, iżda nagħtu l-għajnuna fejn hija meħtieġa.

Biex tkun tista' tiġi żviluppata Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil effettiva, huwa essenzjali li jinstab bilanċ bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà, iżda nemmnu li dan il-bilanċ ma ntlaħaqx mill-atti leġiżlattivi proposti.

Il-pożizzjoni soda tal-Ungerija hija li, minbarra l-prevenzjoni ta' movimenti sekondarji, l-għan tal-emenda tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza huwa li tappoġġa t-twettiq effiċjenti tal-proċedura ta' ażil. Madankollu, fil-perjodu mill-2018, sar saħansitra aktar evidenti li l-flussi migratorji lejn l-Ewropa huma mħeġġa wkoll minn fatturi ta' attrazzjoni bħall-firxa wiesgħa ta' benefiċċji offruti mill-abbozz attwali (l-iffaċilitar tal-aċċess għas-suq tax-xogħol u l-għoti ta' indennizz għall-ispejjeż ta' kuljum fil-forma ta' ammont monetarju) jew ir-regoli flessibbli żżejjed dwar id-detenzjoni ta' dawk li jfittxu l-ażil, li jinkoraġġixxu biss il-migrazzjoni illegali ta' immigranti ekonomiċi lejn l-Ewropa li mhumiex eliġibbli għall-protezzjoni.

Barra minn hekk, l-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta t-terminu "ġeneru" bħala referenza għas-"sess" fl-atti legali rilevanti.

Fl-aħħar nett, u f'konformità mas-sejħa ripetuta tal-Kunsill Ewropew, l-Ungerija tibqa' soda dwar il-ħtieġa li jintlaħaq kunsens dwar politika effettiva dwar il-migrazzjoni u l-ażil mingħajr ma jinħolqu fatturi ġodda ta' attrazzjoni.

B'kont meħud tar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, l-Ungerija mhijiex f'pożizzjoni li tappoġġa l-adozzjoni tar-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza, peress li hija element inseparabbli ta' sistema fundamentalment difettuża."

## DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA

"1. Il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja japprezza l-isforzi tal-Kunsill tal-UE, tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea biex jintlaħaq kompromess dwar rispons komprensiv u responsabbli tal-Unjoni Ewropea biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-proċessi attwali tal-migrazzjoni. Fl-istess ħin, nenfasizzaw li l-Gvern ma kellux l-opportunità reali li jipparteċipa fin-negozjati dwar il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil.

2. Il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja jinnota l-possibbiltà li tittejjeb il-ġestjoni ta' xi wħud mill-aspetti tas-sistema tal-migrazzjoni u l-ażil. Madankollu, analiżi ulterjuri tal-atti legali fi ħdan il-Patt turi li dawn ma jindirizzawx biżżejjed is-sitwazzjoni speċifika tal-Istati Membri li għandhom fruntiera mal-Belarussja u r-Russja u minħabba dan il-fatt kienu taħt pressjoni kostanti u għolja li rriżultat minn rotot migratorji maħluqa artifiċjalment. F'dan il-kuntest, ta' min jinnota li l-Kunsill Ewropew ripetutament, inkluż fil-konklużjonijiet tiegħu mill-14 u l-15 ta' Diċembru 2023, saħaq fuq il-konsegwenzi negattivi tal-fenomenu tal-istrumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni u kkundanna l-użu strumentali tal-migranti minn pajjiżi terzi għal finijiet politiċi.

3. Il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja jieħu l-pożizzjoni li l-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil ma jiżgurax il-bilanċ it-tajjeb bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà u jista' potenzjalment jagħti lok għal tilwim futur bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri.

4. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja ddeċieda li jivvota kontra l-atti legali kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Patt."

**DIKJARAZZJONI MIS-SLOVAKKJA**

"Ir-Repubblika Slovakka tirrikonoxxi l-ħtieġa ta' riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil. Napprezzaw ħafna l-isforzi tal-Presidenzi parteċipanti kollha. Fl-istess ħin, aħna konxji li l-ilħuq tal-kompromess ma kienx kompitu faċli.

Madankollu, huwa essenzjali li ma nirtirawx mill-pożizzjonijiet li kellna u ddikjarajna għal żmien twil.

Napprezzaw li l-Patt jiffoka fuq is-soluzzjoni tal-kawżi tal-migrazzjoni fil-pajjiżi ta' oriġini, li jista' jgħin biex tittaffa l-pressjoni fuq il-fruntieri esterni tal-UE.

Aħna nemmnu li l-prijorità ta' politika Ewropea dwar il-migrazzjoni li tirnexxi għandha tkun il-protezzjoni konsistenti tal-fruntieri esterni tal-UE, kif ukoll politika dwar ir-ritorn effettiva.

Huwa mixtieq li jittieħdu l-miżuri kollha biex tiġi evitata l-migrazzjoni illegali u, fl-istess ħin, jiġu megħjuna dawk fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali.

Filwaqt li nirrikonoxxu li l-kunċett ta' kwoti ta' rilokazzjoni obbligatorji fil-biċċa l-kbira ġie abbandunat, m'aħniex konvinti li l-proposti ppreżentati jilħqu l-bilanċ it-tajjeb bejn is-solidarjetà u r-responsabbiltà.

Is-solidarjetà hija prinċipju importanti fil-ġestjoni tal-migrazzjoni, iżda nemmnu li l-għażla tal-formola għandha dejjem tkun kompletament f'idejn l-Istat Membru. Sfortunatament, il-proposti ma jissodisfawx dan ir-rekwiżit peress li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji huma obbligatorji jekk ċertu numru ta' persuni li jfittxu l-ażil ma jiġux rilokati. Fl-istess ħin, jekk jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, il-kumpens tar-responsabbiltà ta' Dublin isir obbligatorju wkoll. Dawn l-elementi jikkostitwixxu fatturi ta' attrazzjoni qawwija u jipprovdu inċentivi għall-migrazzjoni sekondarja.

Fid-dawl ta' dan kollu, ir-Repubblika Slovakka tivvota kontra l-proposti ppreżentati fil-qasam tas-solidarjetà - ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni (AMMR) kif ukoll ir-Regolament dwar sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' force majeure fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil.

Fid-dawl tan-natura interkonnessa tal-proposti kollha ppreżentati, aħna nastjenu milli nivvutaw fuq il-proposti l-oħra."

**Dwar il-punt "A" nru 10:** **Regolament dwar Standards għall-Kwalifika għall-Ażil**
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

**DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA**

"Il-Bulgarija tirringrazzja lill-Presidenza Spanjola u dik Belġjana għall-ħidma intensiva matul in-negozjati mal-Parlament Ewropew li rriżultaw fil-finalizzazzjoni tar-riforma tal-ażil.

Nilqgħu b'sodisfazzjon il-ftehim politiku li ntlaħaq bejn il-koleġiżlaturi. Is-sistema l-ġdida tal-ażil ser tagħti rispons Ewropew komuni komprensiv u strutturat filwaqt li tiżgura bilanċ bejn is-solidarjetà u r-responsabbiltà. Peress li hija wieħed mill-Istati Membri l-aktar esposti b'mod permanenti għar-riskju ta' kriżi migratorja u b'impenji akbar biex tiggarantixxi l-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen, il-Bulgarija ser tiddependi, fi spirtu ta' solidarjetà, fuq responsabbiltà kondiviża ġusta u fuq l-appoġġ ipprovdut mill-fondi tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tar-regoli l-ġodda.

Fl-2018, il-Qorti Kostituzzjonali Bulgara adottat deċiżjoni li tgħid li l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika tippromwovi kunċetti legali relatati man-nozzjoni tal-ġeneru li mhumiex kompattibbli mal-prinċipji ewlenin minquxa fil-Kostituzzjoni Bulgara u biħsiebha tagħmel distinzjoni bejn "sess" bħala kategorija bijoloġika (nisa u rġiel) u "ġeneru" bħala kostrutt soċjali.

Għalhekk, il-Bulgarija hija grata għall-isforzi li saru biex jiġi indirizzat it-tħassib nazzjonali marbut mal-użu ta' termini relatati mal-ġeneru f'xi atti li jagħmlu parti mill-pakkett tal-ażil minħabba d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Bulgarija.

Il-Bulgarija ma topponix l-adozzjoni tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, iżda tixtieq tenfasizza li ser ninterpretaw it-terminoloġija relatata mal-ġeneru użata f'xi atti li jagħmlu parti mill-pakkett tal-ażil fit-tifsira ta' kategorija bijoloġika (nisa u rġiel)."

## DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA ĊEKA

"Ir-Repubblika Ċeka tirrikonoxxi l-ħtieġa tar-riforma tar-regoli attwali li jirregolaw il-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-ażil. Diversi sfidi u b'mod partikolari l-iżviluppi minn wara l-kriżi tar-refuġjati tal-2015-2016 urew il-vulnerabbiltà tas-sistema tagħna, li ma għadhiex sostenibbli. Peress li soluzzjoni komuni fil-livell tal-UE biss tista' tipprovdi rispons adegwat għal kwistjonijiet li l-UE u l-Istati Membri jiffaċċjaw kemm flimkien kif ukoll individwalment, aħna għalhekk napprezzaw l-isforz biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ewlenin.

Matul in-negozjati tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, ir-Repubblika Ċeka segwiet b'mod partikolari l-objettivi ta' protezzjoni msaħħa tal-fruntieri esterni bil-ħsieb ta' żona Schengen aktar sikura kif ukoll bilanċ funzjonali bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà.

Ir-Repubblika Ċeka tilqa' b'mod speċifiku l-fatt li l-kompromess finali ma jistabbilixxix obbligu ta' rilokazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi minn Stati Membri oħra jew minn pajjiżi terzi. Fl-istess ħin u filwaqt li tapprezza titjib ieħor għas-sistema attwali, ir-Repubblika Ċeka tinnota li l-eżitu tan-negozjati interistituzzjonali ma laħaqx l-ambizzjoni tal-mandat tal-Kunsill u li l-effiċjenza ta' xi strumenti kienet ġiet kompromessa minn piż amministrattiv addizzjonali fuq l-Istati Membri, li ġġenera diffikultajiet prattiċi kif ukoll żieda fl-ispejjeż.

Fid-dawl ta' dan kollu u f'konformità mal-approċċ tal-pakkett, ir-Repubblika Ċeka ddeċidiet li tastjeni milli tivvota dwar l-istrumenti leġiżlattivi tal-Patt. Madankollu, ir-Repubblika Ċeka tapprezza l-ispirtu tal-għaqda tal-UE u tqis dan l-istadju importanti bħala opportunità ġdida biex, bi sforz imsaħħaħ, titkompla r-riforma ulterjuri tal-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-ażil u b'enfasi speċifika fuq id-dimensjoni esterna u l-ideat innovattivi f'dak il-qasam."

**DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA**

"L-Ungerija tibqa' konvinta bis-sħiħ mill-ħtieġa li tiġi żviluppata Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil li jkollha l-għan li tindirizza l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni illegali, timminimizza u fl-aħħar mill-aħħar telimina l-inċentivi għall-migrazzjoni illegali u tiskoraġġixxi lill-persuni li jixtiequ jabbużaw mis-sistema tal-ażil milli jidħlu fl-Unjoni Ewropea, u tinkludi l-possibbiltà li l-applikazzjonijiet għall-ażil jiġu eżaminati f'pajjiżi terzi abbażi tal-prinċipju ta' ekstraterritorjalità. Biex inkunu nistgħu nilħqu dawn l-għanijiet jeħtieġ li, l-ewwel u qabel kollox, nirrikonoxxu li l-isfidi tal-migrazzjoni globali ma jistgħux jiġu solvuti fit-territorju tal-Ewropa, u għalhekk m'għandniex nimportaw problemi li ma jistgħux jissolvew, iżda nagħtu l-għajnuna fejn hija meħtieġa.

Biex tkun tista' tiġi żviluppata Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil effettiva, huwa essenzjali li jinstab bilanċ bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà, iżda nemmnu li dan il-bilanċ ma ntlaħaqx mill-atti leġiżlattivi proposti.

Il-pożizzjoni soda tal-Ungerija hija li r-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika ma jkunx jista' jipprovdi rispons adegwat għar-realtajiet tas-sigurtà mibdula minħabba l-immigrazzjoni tal-massa, u fil-każ tad-definizzjoni estiża proposta ta' membru tal-familja, nistgħu biss nittamaw li l-identifikazzjoni ta' tentattivi ta' abbuż ma tpoġġix piż żejjed fuq l-awtoritajiet tal-ażil tal-Istati Membri.

Barra minn hekk, l-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta t-terminu "ġeneru" bħala referenza għas-"sess" fl-atti legali rilevanti.

Fl-aħħar nett, u f'konformità mas-sejħa ripetuta tal-Kunsill Ewropew, l-Ungerija tibqa' soda dwar il-ħtieġa li jintlaħaq kunsens dwar politika effettiva dwar il-migrazzjoni u l-ażil mingħajr ma jinħolqu fatturi ġodda ta' attrazzjoni.

Meta jitqiesu r-raġunijiet imsemmija hawn fuq, l-Ungerija mhijiex f'pożizzjoni li tappoġġa l-adozzjoni tar-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika, peress li huwa element inseparabbli ta' sistema fundamentalment difettuża."

**DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA**

"1. Il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja japprezza l-isforzi tal-Kunsill tal-UE, tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea biex jintlaħaq kompromess dwar rispons komprensiv u responsabbli tal-Unjoni Ewropea biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-proċessi attwali tal-migrazzjoni. Fl-istess ħin, nenfasizzaw li l-Gvern ma kellux l-opportunità reali li jipparteċipa fin-negozjati dwar il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil.

2. Il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja jinnota l-possibbiltà li tittejjeb il-ġestjoni ta' xi wħud mill-aspetti tas-sistema tal-migrazzjoni u l-ażil. Madankollu, analiżi ulterjuri tal-atti legali fi ħdan il-Patt turi li dawn ma jindirizzawx biżżejjed is-sitwazzjoni speċifika tal-Istati Membri li għandhom fruntiera mal-Belarussja u r-Russja u minħabba dan il-fatt kienu taħt pressjoni kostanti u għolja li rriżultat minn rotot migratorji maħluqa artifiċjalment. F'dan il-kuntest, ta' min jinnota li l-Kunsill Ewropew ripetutament, inkluż fil-konklużjonijiet tiegħu mill-14 u l-15 ta' Diċembru 2023, saħaq fuq il-konsegwenzi negattivi tal-fenomenu tal-istrumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni u kkundanna l-użu strumentali tal-migranti minn pajjiżi terzi għal finijiet politiċi.

3. Il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja jieħu l-pożizzjoni li l-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil ma jiżgurax il-bilanċ it-tajjeb bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà u jista' potenzjalment jagħti lok għal tilwim futur bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri.

4. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja ddeċieda li jivvota kontra l-atti legali kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Patt."

**DIKJARAZZJONI MIS-SLOVAKKJA**

"Ir-Repubblika Slovakka tirrikonoxxi l-ħtieġa ta' riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil. Napprezzaw ħafna l-isforzi tal-Presidenzi parteċipanti kollha. Fl-istess ħin, aħna konxji li l-ilħuq tal-kompromess ma kienx kompitu faċli.

Madankollu, huwa essenzjali li ma nirtirawx mill-pożizzjonijiet li kellna u ddikjarajna għal żmien twil.

Napprezzaw li l-Patt jiffoka fuq is-soluzzjoni tal-kawżi tal-migrazzjoni fil-pajjiżi ta' oriġini, li jista' jgħin biex tittaffa l-pressjoni fuq il-fruntieri esterni tal-UE.

Aħna nemmnu li l-prijorità ta' politika Ewropea dwar il-migrazzjoni li tirnexxi għandha tkun il-protezzjoni konsistenti tal-fruntieri esterni tal-UE, kif ukoll politika dwar ir-ritorn effettiva.

Huwa mixtieq li jittieħdu l-miżuri kollha biex tiġi evitata l-migrazzjoni illegali u, fl-istess ħin, jiġu megħjuna dawk fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali.

Filwaqt li nirrikonoxxu li l-kunċett ta' kwoti ta' rilokazzjoni obbligatorji fil-biċċa l-kbira ġie abbandunat, m'aħniex konvinti li l-proposti ppreżentati jilħqu l-bilanċ it-tajjeb bejn is-solidarjetà u r-responsabbiltà.

Is-solidarjetà hija prinċipju importanti fil-ġestjoni tal-migrazzjoni, iżda nemmnu li l-għażla tal-formola għandha dejjem tkun kompletament f'idejn l-Istat Membru. Sfortunatament, il-proposti ma jissodisfawx dan ir-rekwiżit peress li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji huma obbligatorji jekk ċertu numru ta' persuni li jfittxu l-ażil ma jiġux rilokati. Fl-istess ħin, jekk jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, il-kumpens tar-responsabbiltà ta' Dublin isir obbligatorju wkoll. Dawn l-elementi jikkostitwixxu fatturi ta' attrazzjoni qawwija u jipprovdu inċentivi għall-migrazzjoni sekondarja.

Fid-dawl ta' dan kollu, ir-Repubblika Slovakka tivvota kontra l-proposti ppreżentati fil-qasam tas-solidarjetà - ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni (AMMR) kif ukoll ir-Regolament dwar sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' force majeure fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil.

Fid-dawl tan-natura interkonnessa tal-proposti kollha ppreżentati, aħna nastjenu milli nivvutaw fuq il-proposti l-oħra."